# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2390

**tas-7 ta’ Diċembru 2022**

**li jemenda d-dazju kompensatorju definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/823 wara rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (“ir-Regolament bażiku”), u b’mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 ([2]), il-Kummissjoni imponiet dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (“l-investigazzjoni oriġinali”).

(2) Fl-4 ta’ Ġunju 2018, wara rieżami interim parzjali (“l-ewwel rieżami interim”) dwar is-sussidjar tal-produtturi esportaturi kollha f’konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/823 ([3]) (“ir-Regolament tal-ewwel rieżami interim”), il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-miżuri kif stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali.

(3) Fil-15 ta’ Mejju 2020, wara rieżami interim parzjali (“it-tieni rieżami interim”) f’konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/658 ([4]) (“ir-Regolament tat-tieni rieżami interim”), il-Kummissjoni emendat il-livell tad-dazju kompensatorju għal produttur esportatur wieħed.

(4) Fil-25 ta’ Mejju 2021, wara rieżami ta’ skadenza f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku (“ir-rieżami ta’ skadenza”), il-Kummissjoni estendiet il-miżuri kif stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali (u kif emendati mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/658) għal ħames snin oħra permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 ([5]) (ir-Regolament tar-rieżami ta’ skadenza”).

(5) Id-dazji kompensatorji definittivi li huma fis-seħħ bħalissa jvarjaw minn 1,5 % sa 9,5 %.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 tas-26 ta’ Frar 2015 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 12).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/823 tal-4 ta’ Ġunju 2018 li jtemm ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija (ĠU L 139, 5.6.2018, p. 14).

([4]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/658 tal-15 ta’ Mejju 2020 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/309 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija wara rieżami interim skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 155, 18.5.2020, p. 3).

([5]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 tal-20 ta’ Mejju 2021 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija wara rieżami ta’ skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 183, 25.5.2021, p. 5).

### 1.2. **Bidu ta' rieżami**

(6) Fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda rieżami interim parzjali, b'evidenza suffiċjenti li ċ-ċirkostanzi fir-rigward tas-sussidjar li abbażi tiegħu ġew imposti l-miżuri eżistenti nbidlu, u li dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema.

(7) B'mod aktar speċifiku, saru bidliet sinifikanti fl-istruttura u fit-termini tal-implimentazzjoni tas-sussidji mogħtija mill-Gvern Tork lill-produtturi tat-trota qawsalla mill-2016 'l hawn. Dawn il-bidliet dehru li wasslu għal tnaqqis fis-sussidji diretti li rċevew il-produtturi Torok tat-trota qawsalla.

(8) Il-Kummissjoni qieset li kien hemm biżżejjed evidenza li ċ-ċirkostanzi fir-rigward tas-sussidjar kienu nbidlu ħafna, li l-bidliet huma ta' natura dejjiema, u għalhekk jenħtieġ li jsir rieżami tal-miżuri għall-produtturi esportaturi kollha.

(9) Billi, wara li infurmat lill-Istati Membri, iddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' rieżami skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku permezz ta' Notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-20 ta' Settembru 2021 ([6]) ("in-Notifika ta' Bidu").

### 1.3. **Perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami**

(10) L-investigazzjoni tas-sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "RIP").

### 1.4. **Partijiet interessati**

(11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-industrija tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-Gvern tat-Turkija ("GTT") dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(12) Il-partijiet kollha ġew mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu. Il-partijiet interessati kellhom ukoll l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

### 1.5. **Kampjunar tal-esportaturi**

(13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li setgħet tieħu kampjuni tal-produtturi esportaturi f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

(14) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fit-Turkija biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(15) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tat-Turkija għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(16) Tlettax-il produttur esportatur u gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Turkija pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Il-volum totali tal-esportazzjonijiet iddikjarat lejn l-Unjoni minn dawn il-kumpaniji ta' ċerti troti qawsalla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien jammonta għal 100 % tal-esportazzjonijiet mit-Turkija lejn l-Unjoni.

(17) F'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-kampjun kien jammonta għal aktar minn 60 % tal-bejgħ tal-esportazzjoni ddikjarat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([6]) ĠU C 380, 20.9.2021, p. 15.

(18) F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kkonċernati magħrufa kollha u l-awtoritajiet Torok ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

### 1.6. Kummenti dwar l-għażla tal-kampjun

(19) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-esportaturi li kkooperaw Selina Balık İşleme Tesisi İthalat İhracat ve Ticaret A.Ş, ("Selina Balik") u Kılıç Deniz Ürünleri Üretimi İhracat İthalat ve Ticaret A.Ş. ("Kilic Deniz") li talbu biex jiġu inklużi fil-kampjun.

(20) Il-Kummissjoni ttrattat dawn it-talbiet f'Nota li tqiegħdet fil-fajl miftuħ fit-22 ta' Ottubru 2021. Kif spjegat in-Nota, iż-żewġ talbiet ġew miċħuda, peress li l-kampjun intgħażel abbażi tal-akbar kwantità rappreżentattiva ta' esportazzjonijiet li setgħet tiġi investigata b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

(21) Selina Balik u Kilic Deniz ma kinux fost l-akbar produtturi esportaturi u b'hekk iż-żieda ta' dawn il-kumpaniji mal-kampjun lanqas ma kienet se żżid b'mod sinifikanti r-rappreżentattività tal-kampjun, iżda setgħet ippreveniet it-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

(22) Fil-11 ta' Novembru 2021, l-Organizzazzjoni Daniża tal-Akkwakultura ("id-DAO") li tirrappreżenta l-produtturi tal-Unjoni tat-trota qawsalla bagħtet sottomissjoni li fiha talbet lill-Kummissjoni tinkludi fil-kampjun lill-pixxikulturi tat-trota fuq skala iżgħar mit-Turkija, peress li l-iskemi ta' sussidju kienu nbidlu biex jibbenefikaw il-pixxikulturi tat-trota fuq skala iżgħar aktar minn dawk akbar. F'dan ir-rigward, id-DAO nnotat li l-bidliet fl-iskemi ta' sussidju dirett, b'mod partikolari l-impożizzjoni ta' limiti tal-produzzjoni, żiedu b'mod effettiv is-sussidjar tal-pixxikulturi tat-trota fuq skala iżgħar.

(23) Għalhekk, id-DAO talbet lill-Kummissjoni biex tibdel il-metodoloġija tal-għażla tal-kampjun, lil hinn mill-akbar kwantità ta' esportazzjonijiet li tista' tiġi investigata b'mod raġonevoli, u minflok tagħżel kampjun statistikament validu li fil-fehma tagħha jirrappreżenta b'mod preċiż id-diversità tal-produtturi Torok tat-trota. Madankollu, id-DAO ma pproponiet l-ebda esportatur speċifiku li kkoopera li jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kampjun.

(24) Il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba, peress li l-informazzjoni dwar il-kampjunar mitluba mill-esportaturi ma kienx fiha informazzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni tagħżel kampjun b'dak il-mod.

(25) Il-bidliet fl-iskemi ta' sussidju dirett, kif stabbilit fit-taqsima 4 hawn taħt, ġew riflessi fil-kalkolu tal-benefiċċju.

### 1.7. It-talbiet għal ammont individwali ta' sussidjar kumpensabbli għall-kumpaniji li ma jiġux inklużi fil-kampjun ("eżaminazzjoni individwali")

(26) Il-Kummissjoni rċeviet żewġ talbiet għal ammont individwali ta' sussidjar kumpensabbli wara l-bidu tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku. Dawn it-talbiet saru fil-forma ta' tweġiba mimlija għall-kwestjonarju.

(27) L-ewwel talba ġiet mill-kumpanija Selina Balik.

(28) Il-Kummissjoni aċċettat it-talba tagħha għal eżami individwali minħabba li kienet diġà qiegħda tirrieżamina s-sitwazzjoni tal-kumpanija f'rieżami interim parallel dwar l-istess prodott. Dan ir-rieżami interim inbeda fil-5 ta' Frar 2021 ([7]). Madankollu, Selina Balik irtirat it-talba tagħha għal rieżami u l-Kummissjoni mbagħad itterminatha fl-10 ta' Marzu 2022 ([8]).

(29) Selina Balik kienet issottomettiet tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju bl-istess perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bħall-RIP (is-sena kalendarja 2020) ta' dan ir-rieżami interim. Il-kumpanija qablet li l-informazzjoni pprovduta kellha tintuża fir-rieżami attwali. Il-Kummissjoni kienet diġà vverifikat fil-biċċa l-kbira l-informazzjoni sottomessa u l-kontroverifika mill-bogħod biss ma kinitx saret.

(30) Għalhekk, fil-bidu ta' din l-investigazzjoni, diġà kien hemm disponibbli informazzjoni sħiħa u l-investigazzjoni tas-sitwazzjoni ta' Selina Balik għall-finijiet tar-rieżami attwali.ma setgħetx titqies bħala ta' piż kbir wisq.

([7]) ĠU C 40, 5.2.2021, p. 12.
([8]) ĠU L 83, 10.3.2022, p. 60.

(31) It-tieni talba ġiet mill-kumpanija Kilic Deniz.

(32) Is-sitwazzjoni ta’ Kilic Deniz kienet differenti minn dik ta’ Selina Balik. Ma kien hemm disponibbli l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju minn qabel u għalhekk il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa u l-analiżi tad-*data* pprovduta kienu jsiru kompletament matul din l-investigazzjoni kif u minbarra l-ġbir u l-analiżi tad-*data* mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(33) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-aċċettazzjoni ta’ din it-talba tkun ta’ piż bla bżonn u tabilħaqq tipprevjeni t-tlestija tal-investigazzjoni fi żmien xieraq. Għalhekk, din it-talba għal eżami individwali ma ġietx aċċettata.

(34) Wara l-iżvelar, Kilic Deniz issottomettiet kummenti li t-talba tagħhom għal eżami individwali kellha tiġi aċċettata bl-argument li din kienet ibbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dik tal-kumpanija Selina Balik. Kilic Deniz iddikjarat ukoll li l-fatt li Selina Balik kienet diġà ssottomettiet informazzjoni f’investigazzjoni parallela li kienet għaddejja ma għandux jitqies, peress li dan ikun diskriminatorju, u li għar-rieżami interim parzjali attwali, il-Kummissjoni rċeviet it-tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand Kılıç Deniz u Selina Balık fl-istess ħin.

(35) Kif spjegat fil-Premessa 32, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni taż-żewġ kumpaniji kienet differenti u għalhekk kien iġġustifikat ukoll li ż-żewġ kumpaniji jiġu ttrattati b’mod differenti.

(36) Il-fatt li kien hemm rieżami parallel kontinwu li jħares lejn is-sitwazzjoni individwali ta’ Selina Balik li kopriet l-istess PIR bħar-rieżami attwali ppermetta li l-Kummissjoni tkun fil-pussess tal-istess sett ta’ *data* li kien ikun meħtieġ fir-rieżami attwali diġà fi stadju bikri.

(37) Kif stabbilit fil-premessa 29 Selina Balik u l-kumpaniji relatati tagħhom kienu diġà ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju fir-rieżami interim tagħhom stess u kien tlesta proċess ta’ defiċjenza dwar id-*data* pprovduta. Il-proċess ta’ defiċjenza involva riżorsi sinifikanti peress li t-tweġiba għall-kwestjonarju kellha tiġi eżaminata fid-dettall u l-punti defiċjenti ġew identifikati u solvuti mal-kumpaniji.

(38) Peress li Selina Balik awtorizzat lill-Kummissjoni biex tuża d-data ppreżentata fir-rieżami interim parallel, il-Kummissjoni setgħet tqis dik id-*data* bis-sħiħ f’din ir-reviżjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni ta’ trattament diskriminatorju.

(39) Kilic Deniz sostniet ukoll li l-Kummissjoni missha kkunsidrat li l-kumpanija tagħha diġà kellha esperjenza fil-kooperazzjoni mal-investigazzjonijiet antisussidji, peress li pparteċipat fl-investigazzjoni oriġinali, fit-tieni rieżami interim u fl-investigazzjoni dwar is-sussidju fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-ispnott u l-awrat minn Turkija fl-2015 li ġiet itterminata peress li l-iskema ta’ sussidju kkonċernata ġiet irtirata.

(40) Fir-rigward ta’ din l-affermazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-għoti ta’ eżami individwali huwa relatat mal-piż fuq l-investigazzjoni, mhux mal-piż jew mal-esperjenza tal-kumpanija li titlob dan it-trattament.

(41) Kilic Deniz ikkummentat ukoll li hija kienet ir-raba’ l-akbar produttur esportatur ta’ Turkija matul il-PIR u li kellha aktar bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea minn Selina Balık, li kellu jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni fl-għażla tagħha għal eżami individwali.

(42) Il-Kummissjoni rrifjutat dan il-kumment, peress li din mhijiex kundizzjoni għall-għoti ta’ eżami individwali, iżda pjuttost jekk kumpanija għandhiex tiġi inkluża fil-kampjun tal-esportaturi. Kif spjegat fil-premessa 17 hawn fuq, dak il-kampjun kellu jkun limitat.

(43) Kilic Deniz talbet ukoll li d-dazju emendat tagħha ta’ 1,5 % għandu jkun fis-seħħ għal ħames snin mid-data tal-emenda, u għalhekk ma setax jinbidel b’dan ir-rieżami.

(44) Il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li miżura kumpensatorja definittiva għandha tiskadi ħames snin mill-impożizzjoni tagħha. Id-dazju impost fuq l-importazzjonijiet minn Kilic Deniz ġie impost fit-28 ta’ Frar 2015 u għalhekk il-perijodu ta’ ħames snin jibda jiddekorri minn dik id-data.

(45) It-tieni Regolament ta' rieżami interim li aġġorna r-rata tad-dazju individwali ta' Kilic Deniz minn 9,5 % għal 1,5 % sempliċiment emenda t-tabella fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali u ma għandu l-ebda effett fuq it-tul tal-miżuri li jibqgħu fis-seħħ f'livell partikolari. Għaldaqstant, it-talba ġiet miċħuda.

(46) Kilic Deniz ikkummentat ukoll li d-dazju individwali eżistenti tagħhom ta' 1,5 % li jirriżulta mit-tieni rieżami interim jenħtieġ li jinżamm irrispettivament mir-riżultati tar-rieżami interim attwali, minħabba li r-raġunijiet għall-bidu taż-żewġ rieżamijiet kienu l-istess u l-Kummissjoni ma wrietx li ċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward ta' Kilic Deniz fil-PIR attwali kienu ta' natura dejjiema biex jiġġustifikaw bidla fil-livell tad-dazju tagħha.

(47) Il-Kummissjoni tirrifjuta wkoll din l-affermazzjoni ta' Kilic Deniz li r-raġunijiet għal rieżami ta' din l-investigazzjoni jaqblu ma' dawk tar-rieżami li wassal għat-tieni Regolament dwar ir-rieżami interim.

(48) Kif stabbilit fit-Taqsima 4 tan-Notifika ta' Bidu ([9]) tagħhom, ir-raġunijiet għat-tieni rieżami interim huma speċifiċi għal Kilic Deniz u l-livell ta' benefiċċju riċevut tagħhom. Ir-rieżami attwali nbeda abbażi ta' bidliet li affettwaw lill-produtturi kollha fit-Turkija.

(49) Fil-premessi 285 'il quddiem, il-Kummissjoni wettqet analiżi tan-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-Regolament oriġinali.

(50) Analiżi bħal din titwettaq fuq bażi nazzjonali, li tinkludi wkoll is-sitwazzjoni tal-produtturi esportaturi individwali li huma soġġetti għal sussidji riċevuti mill-GTT. L-argument li l-Kummissjoni ma kkunsidratx is-sitwazzjoni individwali ta' Kilic Deniz għalhekk ġie miċħud.

(51) Kilic Deniz allegat ukoll li l-Kummissjoni hija obbligata tiddetermina marġni individwali ta' sussidju għal kull produttur esportatur magħruf, peress li l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji tad-WTO ma għandux dispożizzjoni dwar it-teħid ta' kampjuni.

(52) Il-Kummissjoni tiċħad din l-allegazzjoni peress li t-teħid ta' kampjuni huwa previst b'mod ċar fl-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

(53) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għamlitha ċara wkoll lill-partijiet interessati kollha li l-esportaturi kollha li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun jirċievu d-dazju medju jekk ma jingħatawx eżami individwali.

### 1.8. **Tweġibiet għall-kwestjonarji u nuqqas ta' kooperazzjoni**

(54) Sabiex tikseb l-informazzjoni meqjusa bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u lill-GTT. Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u mill-GTT. Waslu wkoll tweġibiet għall-kwestjonarju miż-żewġ produtturi esportaturi li talbu eżami individwali.

### 1.9. **Verifika**

(55) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tas-sussidjar.

(56) Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttieħdu biex tiġi indirizzata ([10]), il-Kummissjoni madankollu ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji kollha skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku.

(57) Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod ("RCCs") tal-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji li ġejjin:

Il-produtturi esportaturi u l-kumpaniji relatati:

- Il-grupp Gumusdoga:
  - Gümüşdoğa Su Ürünleri Üretim İhracat İthalat A.Ş.
  - Akyol Su Ürünleri Üretim Taşımacılık Komisyon İthalat İhracat Pazarlama Sanayi Ticaret Ltd. Şti

([9]) ĠU C 176, 22.5.2019, p. 24.
([10]) ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

  - Yerdeniz Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Ltd. Şti.
  - Bengi Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi
  - Hakan Yem Üretim Ticaret ve Sanayi Limited Şirketi
- Il-grupp Ozpekler:
  - Özpekler İnşaat Taahhüd Dayanıklı Tüketim Malları Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi
  - Özpekler İthalat İhracat Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Ltd. Şti.
- Il-grupp Fishark:
  - Fishark Su Ürünleri Üretim ve Sanayi Ticaret A.Ş.
  - Fishark Gıda Sanayi Ticaret A.Ş.
  - Kemer Su Ürünleri Üretim ve Ticaret A.Ş.
- Il-grupp Selina Balik:
  - Selina Balık İşleme Tesisi İthalat İhracat Ticaret Anonim Şirketi
  - Selina Fish Su Ürünleri Ticaret Limited Şirketi
  - Ayhan Alp Alabalık Üretim ve Ticaret

Il-Gvern ta' Turkija:

- Il-Ministeru tal-Kummerċ, ir-Repubblika tat-Turkija
- Il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija, ir-Repubblika tat-Turkija

### 1.10. **Proċedura sussegwenti**

(58) Fil-25 ta' Awwissu 2022 il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġu emendati id-dazji kumpensatorji fis-seħħ ("id-divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar l-iżvelar.

(59) Il-kummenti li għamlu l-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u tqiesu, fejn xieraq. Il-partijiet li talbu dan ingħataw seduta ta' smigħ.

(60) Wara li rċeviet il-kummenti mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni adattat ċerti fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali u ntbagħtet "divulgazzjoni finali addizzjonali" lill-partijiet interessati kollha fit-23 ta' Settembru 2022. Il-partijiet ingħataw perjodu ta' żmien biex jikkummentaw.

(61) Il-GTT talab konsultazzjonijiet mas-servizzi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku u dawn saru fl-4 ta' Ottubru 2022.

(62) Wara l-kummenti li waslu mingħand il-partijiet interessati dwar id-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-Kummissjoni kkoreġiet żewġ żbalji kif deskritt fil-Premessi 306 u 135 il-bidliet li rriżultaw fil-kalkoli ġew divulgati lill-partijiet interessati rilevanti fis-6 ta' Ottubru 2022. Il-partijiet ingħataw żmien addizzjonali biex jikkummentaw dwar dawn il-bidliet fil-kalkoli tas-sussidju tagħhom.

(63) Gumusdoga, Fishark Ozpekler u Selina Balik, fil-kummenti tagħhom għat-tieni divulgazzjoni finali addizzjonali tennew l-affermazzjonijiet tagħhom diġà mqajma fiż-żewġ divulgazzjonijiet preċedenti. Dawk il-pretensjonijiet huma indirizzati f'dan ir-Regolament.

(64) Barra minn hekk, Gumusdoga talbet u l-Kummissjoni aċċettat aġġornament minuri fil-fatturat tagħha, li kien soġġett għall-korrezzjoni kif deskritt fil-Premessa 306.

## 2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI**

(65) Il-prodotti taħt rieżami huwa ċerti troti qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*):

- ħajjin li jiżnu 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew
- friski, imkessha, iffriżati u/jew affumikati:

— fil-forma ta’ ħuta sħiħa (bir-ras), imnaddfa mill-garġi jew le, imnaddfa mill-organi jew le, li tiżen 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew

— bir-ras maqtugħa, imnaddfa mill-garġi jew le, imnaddfa mill-organi jew le, li tiżen kg jew anqas kull waħda, jew

— fil-forma ta’ fletti li jiżnu 400 g jew anqas kull waħda,

— li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija (“il-pajjiż ikkonċernat”) u li attwalment jaqa’ taħt il-kodiċijiet NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 (il-kodiċijiet TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10 u 0305 43 00 11).

(66) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni saret taf bl-importazzjonijiet fl-UE ta’ fletti tat-trota affumikati bil-bżar li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija. Uħud minn dawn il-fletti ġew importati bħala prodott taħt rieżami li fuqu tħallsu d-dazji, u xi wħud ġew importati taħt intestatura tariffarja differenti (il-kodiċi NM 1604 19 10) li fuqha ma ġie impost l-ebda dazju.

(67) Kemm il-produtturi esportaturi fit-Turkija kif ukoll l-industrija tal-Unjoni kkonfermaw li huma qiesu li l-fletti tat-trota affumikati bil-bżar ġew inklużi fl-ambitu tal-prodott ta’ din l-investigazzjoni u investigazzjonijiet preċedenti.

(68) L-investigazzjoni wriet ukoll li ż-żieda sempliċi tal-bżar ma ċċaħħadx il-flett affumikat mill-karatteristiċi bażiċi ewlenin tiegħu. Abbażi ta’ dan u l-fatt li kien hemm ftehim bejn l-esportaturi u l-industrija tal-Unjoni dwar l-ambitu tal-prodott, il-Kummissjoni kkonkludiet li “fletti affumikati bil-bżar” huma tabilħaqq inklużi fl-ambitu tal-prodott.

(69) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-fletti tat-trota affumikati bil-bżar huma parti mill-prodott taħt rieżami bħala “affumikati”. Sabiex jiġi evitat id-dubju, se jiġu imposti dazji fuq l-importazzjonijiet ta’ fletti tat-trota affumikati bil-bżar jekk jiġu ddikjarati taħt il-kodiċi doganali NM 1604 19 10 (TARIC 1604 19 10 11).

## 3. **BIDLA FL-ISEM**

(70) L-esportatur Lezita Balık A.Ş, TARIC, il-kodiċi addizzjonali TARIC B968, informa lill-Kummissjoni fid-9 ta’ Ġunju 2021 li kien bidel ismu għal Abalıoglu Balik ve Gıda Ürünleri Anonim Şirketi.

(71) Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fl-isem ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju kompensatorju applikata lilha skont l-isem tagħha preċedenti.

(72) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni fornuta u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ġiet irreġistrata kif suppost mal-awtoritajiet rilevanti, ([11]) u ma wasslitx għal xi relazzjoni ġdida ma’ gruppi oħrajn ta’ kumpaniji li ma kinux investigati mill-Kummissjoni.

(73) Il-Kummissjoni nnotat li l-kumpanija kkooperat ma’ dan ir-rieżami billi ssottomettiet formola ta’ kampjunar taħt l-isem il-ġdid tagħha Abalıoglu Balik ve Gıda Ürünleri Anonim Şirketi.

(74) Għaldaqstant, din il-bidla fl-isem ma taffettwax is-sejbiet ta’ din l-investigazzjoni u b’mod partikolari r-rata tad-dazju kompensatorju applikabbli għall-kumpanija.

(75) Il-bidla fl-isem jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mis-7 ta’ Lulju 2020, jiġifieri d-data li fiha l-kumpanija kienet bidlet isimha.

## 4. **SUSSIDJAR**

(76) Abbażi tas-sussidji investigati fir-rieżami ta’ skadenza preċedenti, ġew investigati l-miżuri li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta’ programmi ta’ sussidju:

— Appoġġ għall-produzzjoni tat-trota

— Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu

([11]) Il-bidla fl-isem ġiet ippubblikata fil-Ġurnal tar-Reġistru Kummerċjali bid-data 7 ta’ Lulju 2020 bin-numru 10113.

— Eżenzjoni mill-VAT u mid-dazju doganali fuq makkinarju importat

— Eżenzjoni mill-VAT fuq makkinarju mixtri domestikament

— Programm ta' appoġġ għall-Primjum tas-Sigurtà Soċjali

— Self preferenzjali

— Skema ta' allokazzjoni tal-art

— Assigurazzjoni għall-esportazzjoni preferenzjali

— Frott tal-baħar ipproċessat

(77) Għall-programm ta' appoġġ għall-Primjum tas-Sigurtà Soċjali; l-iskema ta' allokazzjoni tal-art u l-frott tal-baħar ipproċessat, il-Kummissjoni sabet li dawn l-iskemi ma pprovdew l-ebda benefiċċju lill-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u għalhekk ma ġewx investigati aktar.

(78) Fil-11 ta' Novembru 2021, id-DAO ssottomettiet kummenti dwar l-iskemi ta' sussidju li se jinvestiga r-rieżami.

(79) Is-sottomissjoni tad-DAO nnotat li l-iskemi ta' sussidju li ġejjin kienu nbidlu jew ġew aġġornati mill-aħħar rieżami:

— Għotjiet ta' investiment għall-akkwakultura

— Frott tal-baħar ipproċessat

— krediti ta' riskontar

— it-trobbija tal-ħut f'għadajjar tal-ħamrija

— il-pagamenti ta' appoġġ għal servizzi ta' pubblikazzjoni u ta' konsultazzjoni agrikoli

— assigurazzjoni appoġġata mill-istat

— self appoġġat mill-istat

— appoġġ għall-investiment agrikolu

— eżenzjonijiet mill-VAT fuq il-frakass tal-fdal tal-ħut

— Suq tal-Agrikoltura Diġitali

— skemi ta' appoġġ għall-irkupru tal-COVID

(80) Il-Kummissjoni nnotat li l-iskemi fit-Turkija fil-fatt jinbidlu minn sena għal sena. Jekk tali bidla fi skema twassal għal bidla fil-livell ta' benefiċċju għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura jekk din il-bidla hijiex bidla dejjiema fiċ-ċirkostanzi. Jekk iva, il-Kummissjoni se taġġusta l-miżuri kif xieraq biex tqis il-bidla.

(81) Madankollu, kif stabbilit hawn taħt, u anke fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, xi wħud mill-iskemi elenkati mid-DAO jew ma għadhomx fis-seħħ, jew ma jipprovdux benefiċċju għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

### 4.1. **Appoġġ dirett lill-produtturi tat-trota**

#### 4.1.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(82) Matul l-RIP, ingħata appoġġ dirett lill-produtturi tat-trota abbażi tad-Digriet Presidenzjali 2020/3190 ("id-Digriet 3190") ([12]). Il-proċeduri u l-prinċipji fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Digriet ġew ipprovduti mill-Komunikat 2020/39 ("il-Komunikat 39") maħruġ mill-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija ([13]).

(83) L-iskema ta' appoġġ dirett tkopri l-ispeċi tat-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*). L-għan tal-iskema huwa li tikkumpensa l-ispejjeż tat-trobbija tat-trota qawsalla sal-limitu massimu tal-produzzjoni.

([12]) Id-Digriet Presidenzjali Nru 3190, "Digriet dwar l-Appoġġ Agrikolu li għandu Jingħata fl-2020", ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 31295 datat il-5 ta' Novembru 2020

([13]) Il-Komunikat 2020/39, ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 31321 datat l-1 ta' Diċembru 2020

(84) Il-Kummissjoni tqis li l-iskema ta' appoġġ dirett hija mfassla biex tkun ta' benefiċċju għat-trobbija tat-trota. Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kemm jiġbru t-trota mrobbija tagħhom stess, kif ukoll jixtru t-trota minn bdiewa oħrajn fit-Turkija, u mbagħad jipproċessaw u jesportaw it-trota f'diversi preżentazzjonijiet lill-Unjoni Ewropea. Dawn il-preżentazzjonijiet, inklużi t-trota mnaddfa u mqatta' fi flett, jiffurmaw il-prodott taħt rieżami.

(85) L-ammont ta' appoġġ għall-produzzjoni ta' "trota" (ta' kwalunkwe daqs) ġie stabbilit għal 0,75 TL għal kull kg sa limitu ta' 350 000 kg fis-sena.

(86) L-ammont ta' appoġġ għall-produzzjoni ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" ġie stabbilit għal 1,5 TL għal kull kg fl-istess limitu ta' 350 000 kg fis-sena. Il-Komunikat għall-2020 jiddefinixxi "trota ta' aktar minn kilogramma" bħala trota li tiżen aktar minn 1,25 kg kull waħda ([14]).

(87) Dawn ir-rati ta' sussidju għall-produzzjoni tat-trota huma l-istess rati li kienu fis-seħħ matul l-2019, il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tar-rieżami ta' skadenza.

4.1.2. *Bidliet fl-iskema ta' appoġġ dirett maż-żmien*

(88) L-appoġġ għall-produzzjoni tat-trota huwa pprovdut abbażi tad-Digrieti u l-Komunikati Presidenzjali, li jinħarġu kull sena skont l-Artikolu 19 tal-Liġi Agrikola Nru 5488. Dawn id-Digrieti u Komunikati jbiddlu n-natura tal-appoġġ kull sena:

*Tabella 1*

**Skema ta' appoġġ dirett għat-trota**

| Sena | Skema ta' appoġġ | Ammont ta' appoġġ għal kull kg |
|---|---|---|
| 2016 | Trota sa 250MT | 0,65 TL |
| | Trota sa 500MT | 0,325 TL |
| 2017 | Trota sa 250MT | 0,75 TL |
| | Trota sa 500MT | 0,375 TL |
| | Trota ta' aktar minn kilogramma (pagament addizzjonali) | 0,25 TL |
| 2018 | Trota sa 250MT | 0,75 TL |
| | Trota sa 500MT | 0,375 TL |
| | Trota ta' aktar minn kilogramma sa 250MT (pagament addizzjonali) | 0,25 TL |
| | Trota ta' aktar minn kilogramma sa 500MT (pagament addizzjonali) | 0,125 TL |
| 2019 | Trota sa 350MT | 0,75 TL |
| | Trota ta' aktar minn kilogramma sa 350MT | 1,5 TL |
| 2020 (RIP) | Trota sa 350MT | 0,75 TL |
| | Trota ta' aktar minn kilogramma sa 350MT | 1,5 TL |

(89) Matul l-investigazzjoni oriġinali, l-iskema kienet tikkonsisti minn pagament ta' appoġġ lill-pixxikulturi tat-trota abbażi tal-kwantità mrobbija tat-trota kollha irrispettivament minn kwalunkwe daqs, bil-benefiċċju għal kull kilogramma mrobbija mħallas f'żewġ rati separati abbażi tal-kwantità mrobbija sa 500 tunnellata fis-sena.

(90) Għas-sena tal-produzzjoni 2017, il-GTT żied pagament żgħir ta' 0,25 TL għal kull kilogramma għat-trota mrobbija b'piż ta' aktar minn kilogramma, magħrufa bħala "trota ta' aktar minn kilogramma". Dan il-pagament addizzjonali għadu japplika għall-prodott taħt rieżami li jista' jiżen sa 1,2 kilogramma meta mrobbi.

([14]) Komunikat 2020/39, Artikolu 4(f): *Trota ta' Aktar Minn Kilogramma: trota li tiżen 1,25 kg (kilogramma u mitejn u ħamsin gramma) u aktar għal kull biċċa meta mrobbija*

(91) Wara diskussjoni mal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" matul l-ewwel rieżami interim (ara l-premessi 40 sa 45 tar-Regolament tal-ewwel rieżami interim), il-GTT iddefinixxa mill-ġdid it-"trota ta' aktar minn kilogramma" fl-2018 bħala trota li tiżen aktar minn 1,25 kilogramma meta mrobbija.

(92) Fl-2019, il-GTT neħħa l-pagament addizzjonali għal "trota ta' aktar minn kilogramma" u minflok qasam l-iskema fi tnejn, pagament ta' 0,75 TL għal kull kilogramma għal "trota" (ta' kwalunkwe daqs), u pagament ta' 1,5 TL għal kull kilogramma għal "trota ta' aktar minn kilogramma".

(93) Il-GTT naqqas ukoll il-limitu massimu minn 500 tunnellata għal 350 tunnellata fis-sena, u llimita l-ħlasijiet ta' sussidju għal liċenzja waħda għal kull reġjun. Il-limitu massimu tal-produzzjoni ta' 350 tunnellata japplika għall-produzzjoni tat-trota kollha fl-istess liċenzja tat-trobbija.

(94) Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami attwali, il-Kummissjoni stabbiliet li tnejn minn kull tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun kienu qegħdin ikabbru d-daqsijiet kollha ta' trota fl-istess faċilitajiet u bl-istess liċenzja ta' trobbija, u rċevew iż-żewġ rati bħala riżultat.

(95) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-pixxikulturi tat-troti jistgħu japplikaw għar-rata li tikkorrispondi għat-"trota" (ta' kwalunkwe daqs) jew għar-rata għat-"trota ta' aktar minn kilogramma", skont il-piż tat-trota mrobbija. Minħabba r-rata ogħla ta' appoġġ għal "trota ta' aktar minn kilogramma", il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li jrabbu t-trota li tiżen aktar minn 1,25 kilogramma applikaw fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għar-rata għal "trota ta' aktar minn kilogramma".

(96) B'riżultat ta' dan, kien hemm irduppjar tal-produzzjoni sussidjata ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" f'kg u l-ammont ta' sussidju mħallas lill-pixxikulturi tat-trota fit-TL taħt din l-iskema mill-2019 sal-2020 u bidla ċara għat-trobbija tat-trota b'daqs akbar.

(97) Filwaqt li qieset kemm is-sussidju tat-"trota" (ta' kwalunkwe daqs) kif ukoll is-sussidju tat-"trota ta' aktar minn kilogramma" imħallas, il-Kummissjoni sabet li s-sussidjar mill-GTT kien fil-fatt żdied b'59 punt perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 2*

**Bidliet fil-kwantità u fl-ammonti ta' sussidju 2017-2020**

| | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 RIP |
|---|---|---|---|---|
| produzzjoni sussidjata tat-"trota kollha" (kg) | 62 461 873 | 53 390 032 | 48 859 007 | 44 991 877 |
| produzzjoni sussidjata tat-"trota ta' aktar minn kilogramma" (kg) | 6 075 006 | 14 175 924 | 15 261 470 | 30 102 632 |
| Produzzjoni totali sussidjata (kg) | 68 536 879 | 67 565 956 | 64 120 477 | 75 094 509 |
| Indiċi | 100 | 99 | 94 | 110 |
| sussidju tat-"trota kollha" (TL) | 42 948 500 | 36 900 761 | 35 769 405 | 32 547 179 |
| sussidju tat-"trota ta' aktar minn kilogramma" (TL) | 5 017 996 | 11 953 949 | 22 428 846 | 43 742 770 |
| Sussidju totali mħallas (TL) | 47 966 496 | 48 854 710 | 58 198 251 | 76 289 949 |
| Indiċi | 100 | 102 | 121 | 159 |

(98) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-adattament tal-iskema ma nbidilx fis-sustanza tas-sussidjar sottostanti u – jekk xejn – żied il-livell tagħha. Irriżulta li la kien hemm raġuni finanzjarja u lanqas ekonomika għaliha.

4.1.3. *Konklużjoni dwar l-applikabilità ta' miżuri kompensatorji*

(99) Il-pagamenti ta' appoġġ dirett lill-produtturi tat-trota jammontaw għal sussidji kumpensabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri trasferiment dirett ta' fondi mill-GTT lill-produtturi tat-trota.

(100) Is-sussidji diretti huma speċifiċi u kumpensabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku bħala l-awtorità awtorizzanti, u l-leġiżlazzjoni li skontha topera l-awtorità awtorizzanti, tillimita b'mod espliċitu l-aċċess għal dawn l-għotjiet lil intrapriżi li joperaw fis-settur tal-akkwakultura. L-intrapriżi involuti fl-akkwakultura huma msemmija b'mod espliċitu u t-trota hija indikata b'mod ċar bħala waħda mill-ispeċijiet li jibbenefikaw minn din l-iskema ta' sussidju.

(101) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ibbenefikaw minn din l-iskema kemm għar-rati ta' 0,75 TL ("trota" ta' kwalunkwe daqs) għal kull kg kif ukoll għal 1,5 TL (trota ta' aktar minn kilogramma) għal kull kg matul l-RIP.

(102) Fl-investigazzjoni oriġinali ma kien hemm l-ebda rata separata ta' sussidju għat-trobbija ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" u għalhekk ma tqajmitx din il-kwistjoni. F'riżamijiet sussegwenti, inkluż ir-riżami ta' skadenza, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi xi benefiċċju riċevut għat-trobbija tat-trota ta' aktar minn 1,25 kg, peress li l-kumpaniji fil-kampjun ma rabbewx "trota ta' aktar minn kilogramma" ([15]).

(103) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni stabbilit li tnejn mit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun rabbew it-trota mrobbija ta' kull daqs bl-istess liċenzja tat-trobbija matul l-RIP, u għalhekk ibbenefikaw miż-żewġ rati ta' sussidjar.

(104) Il-Kummissjoni nnotat li t-trota titrabba fl-istess faċilitajiet ta' produzzjoni, li huma vaski u gaġeġ ibbażati fuq l-art fil-lagi, jew fuq il-baħar. Kemm it-trota iżgħar kif ukoll dik akbar jiġu mrobbija fl-istess faċilitajiet, jimmaturaw fl-istess vaski, u jirċievu l-istess ikel. Kwalunkwe trota taħt il-1,25 kg hija suxxettibbli li ssir trota ta' aktar minn 1,25 kg. L-unika differenza hija li t-trota akbar tinqabad aktar tard biex tkun tista' tikber sad-daqs meħtieġ.

(105) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 45 tar-Regolament tal-ewwel riżami interim, *"l-Artikolu 4(f) tal-Komunikat Nru 2017/38 jagħti s-sussidju lill-pixxikultur 'fil-għbir'". Anke jekk it-Turkija kellha l-ħsieb li tirrestrinġi s-sussidju għat-trota ta' aktar minn 1,25 kg fl-2018, ma hemm l-ebda kriterju legali fid-digriet li jeskludi s-sussidju meta t-trota tinbiegħ f'forma oħra. Skont l-informazzjoni li waslet, hija prattika komuni fl-industrija li tipproċessa xi wħud mit-troti l-kbar imrobbija u li tbigħhom bħala l-prodott ikkonċernat, pereżempju fil-forma ta' fletti".*

(106) Għalhekk, kwalunkwe benefiċċju riċevut għat-trobbija ta' trota akbar huwa marbut awtomatikament mat-trobbija ta' trota iżgħar ukoll. Irrispettivament minn jekk trota bbenefikatx minn rata waħda jew l-oħra, l-appoġġ dirett jingħata għall-ħsad tat-troti, li huwa l-prodott taħt riżami (ħaj jew mejjet u pproċessat f'diversi forom). Kwalunkwe benefiċċju għat-trota huwa preżenti wkoll meta tinbiegħ fil-forma ta' fletti, li ma humiex distinti abbażi tad-daqs tat-trota mrobbija.

(107) Iż-żewġ rati ta' sussidjar huma soġġetti għat-trobbija tat-trota. Il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-liċenzja tat-trobbija jirreferu għat-trota ta' kull daqs u l-benefiċċju li jirriżulta miż-żewġ rati ta' appoġġ jitħallas lill-pixxikulturi f'pagament uniku u jiġi rreġistrat fil-kont tal-introjtu ġenerali tal-kumpanija.

(108) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li fl-2020 l-iżborżi mħallsa lill-pixxikulturi tat-trota jammontaw għall-appoġġ dirett totali riċevut għat-trobbija tat-troti, inkluż il-prodott taħt riżami.

([15]) Il-premessa 41 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

4.1.4. *Ammont ta' sussidju għall-produzzjoni proprja*

(109) Il-benefiċċju għal kull kumpanija kien l-ammont ta' appoġġ dirett riċevut abbażi tar-rati li jikkonċernaw kemm il-produzzjoni tat-"trota" (ta' kwalunkwe daqs) kif ukoll "trota ta' aktar minn kilogramma" matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-kumpaniji pprovdew informazzjoni dwar l-ammont tal-appoġġ riċevut, u mingħand min u li għalih ġiet riċevuta produzzjoni speċifika.

(110) L-ammont ta' appoġġ dirett riċevut għall-produzzjoni tat-trota ta' kull daqs taħt iż-żewġ rati ta' appoġġ ġie diviż bil-kwantità totali mrobbija tat-trota biex jiġi stabbilit l-ammont ta' sussidju fit-TL għal kull kilogramma ta' trota.

4.1.5. *Ammont ta' sussidju għat-trota mixtrija*

(111) L-investigazzjoni oriġinali ([16]) sabet li l-benefiċċju ta' dawn is-sussidji baqa' wkoll għax-xiri ta' trota magħmul mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun minn il-pixxikulturi mhux relatati fit-Turkija għall-ipproċessar, peress li l-prodott taħt rieżami jkopri kemm il-materja prima direttament issussidjata, jiġifieri t-trota ħajja, kif ukoll il-prodotti downstream, bħat-trota sħiħa friska jew iffriżata, il-fletti u t-trota affumikata.

(112) Il-benefiċċju għat-trota mixtrija ġie kkalkolat fl-investigazzjoni oriġinali abbażi tal-ammont totali ta' sussidju mogħti mill-awtoritajiet Torok diviż bl-ammont totali tal-produzzjoni tat-trota fit-Turkija.

(113) Il-Kummissjoni nnotat li fir-rieżami ta' skadenza ([17]) s-sejba li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun irċevew benefiċċju mix-xiri tat-trota ġiet ikkonfermata. Il-benefiċċju ġie kkalkolat abbażi tal-ammont totali ta' sussidju mogħti diviż bl-ammont totali ta' produzzjoni ta' trota sussidjata fit-Turkija.

(114) Madankollu, is-sejbiet fir-rieżami ta' skadenza preċedenti kienu bbażati fuq informazzjoni ġenerali għall-pajjiż kollu pprovduta mill-GTT u ma qisux is-sitwazzjoni speċifika tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. F'rieżami ta' skadenza, tali sejba dettaljata ma hijiex meħtieġa, peress li rieżami ta' skadenza jeħtieġ biss li jistabbilixxi l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidjar iżda l-ebda marġini kompensatorju preċiż.

(115) F'dan ir-rieżami interim, l-ebda parti interessata ma kkontestat li l-produtturi esportaturi għadhom jibbenefikaw mis-sussidjar meta jixtru t-trota mingħand pixxikulturi humiex relatati. Il-GTT ipprovda *data* dwar il-livell ta' sussidjar għall-2020 għal kull pixxikultur tat-troti kemm taħt iż-0,75 TL ("trota" ta' kwalunkwe daqs) kif ukoll taħt il-1,5 TL (trota ta' aktar minn kilogramma). Din id-*data* ġiet imqabbla mal-listi tax-xiri tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, u l-Kummissjoni sabet kif ġej:

(a) 5 % tax-xiri skont il-kwantità ġie minn pixxikulturi li ma rċevewx sussidju, jew fejn ma setgħetx tinstab id-*data*;

(b) 49 % tax-xiri skont il-kwantità ġie minn pixxikulturi fejn il-kwantità tal-produzzjoni kienet ogħla mil-limitu massimu ta' produzzjoni ta' 350 tunnellata fis-sena u għalhekk xi ftit mill-produzzjoni tagħhom ma ġietx issussidjata; u

(c) 46 % tax-xiri skont il-kwantità ġie minn pixxikulturi fejn il-kwantità tal-produzzjoni kienet taħt il-limitu massimu tal-produzzjoni ta' 350 tunnellata fis-sena u għalhekk il-produzzjoni kollha tagħhom tqieset li kienet issussidjata.

(116) Għall-produzzjoni fl-2020, is-sussidju għal kull kilogramma ta' trota ta' kull daqs ġie kkalkolat għal 0,53 TL għal kull kg jekk titqies il-produzzjoni kollha, u 1,02 TL għal kull kg jekk titqies biss il-produzzjoni ssussidjata.

4.2. **Appoġġ dirett lill-produtturi tat-troti – kummenti riċevuti dwar is-sussidju tal-produzzjoni**

(117) Wara d-divulgazzjoni, il-GTT, il-produtturi esportaturi fil-kampjun, Selina Balik u Kilic Deniz kollha kkummentaw dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni rigward l-appoġġ dirett lill-produtturi tat-troti.

([16]) Il-Premessi minn 61 sa 63 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1195/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jimponi dazju kompensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU L 319, 6.11.2014, p. 1).

([17]) Il-Premessa 39 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

(118) Dawn il-partijiet prinċipalment ikkontestaw l-inklużjoni fil-kalkolu tas-sussidju tal-benefiċċju mħallas lill-produtturi fil-kampjun u lil Selina Balik għall-ħsad ta' "trota ta' aktar minn kilogramma", peress li dan il-benefiċċju ma kienx ġie inkluż fil-kalkoli tas-sussidju tal-investigazzjonijiet preċedenti. Huma argumentaw ukoll li "trota ta' aktar minn kilogramma" mhijiex parti mill-prodott taħt rieżami, u lanqas ma ġiet inkluża fil-kwestjonarju maħsub għall-produtturi esportaturi.

(119) Kif stabbilit hawn fuq fit-Taqsima 4.1.3, il-Kummissjoni kkonfermat il-bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-ħlas tal-benefiċċju għall-ħsad tat-troti, b'mod partikolari mill-investigazzjoni oriġinali iżda wkoll mill-PIR tar-rieżami ta' skadenza preċedenti. Filwaqt li fil-passat ingħata appoġġ dirett abbażi ta' kilogrammi ta' produzzjoni mingħajr ebda distinzjoni dwar id-daqs tat-trota, il-GTT progressivament għadda għal sistema ta' żborżi abbażi ta' rati ta' appoġġ differenti skont id-daqs tat-trota maħsuda. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi fil-PIR urew b'mod ċar li l-bdiewa tat-troti f'Turkija bbenefikaw miż-żewġ rati ta' sussidju mħallas taħt din l-iskema meta kienu qed ikabbru u jaħsdu l-prodott taħt rieżami.

(120) Selina Balik argumentat li l-Kummissjoni ma kinitx awtorizzata tespandi l-ambitu tal-prodott tar-rieżami attwali billi tinkludi "trota iktar minn kilogramma".

(121) Il-Kummissjoni tinnota li l-ambitu tal-prodott baqa' l-istess bħal f'investigazzjonijiet preċedenti, jiġifieri l-produzzjoni ta' troti, ħajjin jew mejtin u f'diversi forom ipproċessati. Jekk ir-rata ta' sussidju hijiex kontinġenti fuq id-daqs speċifiku tat-trota maħsuda ma tbiddilx in-natura u l-operat tagħha, fis-sens li tibbenefika l-produzzjoni tat-troti, li mbagħad tinbiegħ f'diversi forom. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

(122) Il-partijiet ikkontestaw ukoll is-sejbiet tal-Kummissjoni li "trota ta' aktar minn kilogramma" tista' tiġi pproċessata aktar fi fletti li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott taħt rieżami. Dawn il-partijiet argumentaw li s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessa 45 tal-ewwel Regolament ta' rieżami interim li l-Kummissjoni rreferiet għalihom fid-divulgazzjoni finali, ma ġewx divulgati lill-partijiet interessati matul l-ewwel rieżami interim u għalhekk il-partijiet ma setgħux jikkummentaw dwarhom. Huma tennew li, fi kwalunkwe każ, l-ebda benefiċċju ma kien ġie kkalkulat għal "trota ta' aktar minn kilogramma" fi kwalunkwe waħda mill-investigazzjonijiet preċedenti.

(123) Il-partijiet kellhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kummenti dwar il-premessa 45 tal-ewwel Regolament interim wara d-divulgazzjoni finali fir-rieżami preżenti. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(124) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-proporzjonijiet ta' Ekwivalenti ta' Ħut Sħiħ ("WFE") użati f'dan il-każ kienu l-istess bħal dawk użati fl-investigazzjoni oriġinali. Dawn dejjem ippermettew b'mod ċar li "trota ta' aktar minn kilogramma" tiġi pproċessata fil-prodott taħt rieżami, kif ġej, filwaqt li nnotaw li ħuta waħda tipproduċi żewġ fletti:

| Preżentazzjoni bħala prodott taħt rieżami | Proporzjon ta' Ekwivalenti ta' Ħut Sħiħ | Limitu tal-piż għall-ħut sħiħ |
|---|---|---|
| Ħut ħaj sa 1,2 kg | 1,00 | 1,2 kg |
| Ħut imnaddaf, bir-ras sa 1,2 kg | 0,85 | 1,4 kg |
| Ħut imnaddaf, bir-ras sa 1 kg | 0,75 | 1,3 kg |
| Fletti friski, imkessħin jew iffriżati sa 400 g | 0,47 | 1,7 kg |
| Fletti affumikati, sa 400 g | 0,40 | 2 kg |

(125) Dan il-fatt ġie nnutat b'mod ċar mill-esportatur Selina Balik, li fil-kummenti tiegħu għall-iżvelar finali jiddikjara li "minħabba n-natura intrinsika tal-prodott [taħt rieżami] trota kbira tista' tiġi pproċessata fi fletti li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott [taħt rieżami]."

(126) L-affermazzjoni li l-ebda benefiċċju ma ġie kkalkulat għal "trota ta' aktar minn kilogramma" f'investigazzjonijiet preċedenti, u li l-ebda benefiċċju għalhekk jenħtieġ li ma jiġix ikkalkulat fir-reviżjoni preżenti, għandha tiġi miċħuda peress li ċ-ċirkostanzi nbidlu. Fir-rieżami ta' skadenza ż-żewġ esportaturi fil-kampjun ma rċevew l-ebda benefiċċju mir-rata ta' sussidju maħsuda ta' 1,5 TL għal kull kilogramm. Fil-PIR ta' din ir-reviżjoni, huma għamlu dan.

(127) Żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun argumentaw ukoll li ma pproduċewx u lanqas ma biegħu xi fletti li ġejjin minn "trota ta' aktar minn kilogramma" matul il-PIR u għalhekk talbu lill-Kummissjoni tirrevedi l-kalkolu tas-sussidju dirett tagħhom kif xieraq billi teskludi "trota ta' aktar minn kilogramma".

(128) Il-Kummissjoni nnotat li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza biex issostni din l-affermazzjoni. B'kuntrast ma' dan, l-investigazzjoni stabbiliet li dawn iż-żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun kisbu żborżi taħt iż-żewġ rati fi ħdan l-iskema ta' sussidju dirett għat-troti fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk huma ħasdu t-troti ta' kull daqs. Minħabba l-proporzjonijiet Ekwivalenti ta' Ħut Sħiħ stabbiliti fit-tabella fil-premessa 119, "trota ta' aktar minn kilogramma" maħsuda jistgħu jiġu pproċessati f'forom bħal fletti u ħut imnaddaf. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(129) Tnejn mill-produtturi esportaturi fil-kampjun sostnew ukoll li l-biċċa l-kbira tat-"trota ta' aktar minn kilogramma" ġiet esportata lejn ir-Russja u l-Ġappun u għalhekk is-sussidju riċevut għal "trota ta' aktar minn kilogramma" ma għandux jiġi kkumpensat għall-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni.

(130) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dan l-argument. Kif spjegat qabel, il-Kummissjoni qieset li l-iżborżi riċevuti taħt iż-żewġ rati ta' sussidju għall-ħsad tat-troti huma ta' benefiċċju għat-troti kollha li mbagħad jinbiegħu. L-ammont ta' sussidju għal kull kilogramma ta' trota ta' kwalunkwe daqs esportat lejn ir-Russja u l-Ġappun huwa għalhekk l-istess bħall-ammont ta' sussidju għal kull kilogramma ta' trota ta' kwalunkwe daqs esportat lejn l-Unjoni Ewropea.

(131) Fl-aħħar nett, il-produtturi esportaturi fil-kampjun ikkontestaw is-sejbiet tal-Kummissjoni stabbiliti fil-Premessa 96, li kwalunkwe benefiċċju riċevut għall-biedja ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" huwa awtomatikament konness ukoll mal-biedja ta' troti iżgħar, bl-argument li

— il-proċessi ta' produzzjoni għal "trota ta' aktar minn kilogramma" huma ferm itwal milli għal troti iżgħar u jġarrbu spejjeż ogħla;

— "trota ta' aktar minn kilogramma" u troti iżgħar qed jikkompetu ma' xulxin;

— il-bdiewa ma jistgħux jipproduċu "trota ta' aktar minn kilogramma" u troti iżgħar fl-istess ħin fl-istess azjenda agrikola; u

— "trota ta' aktar minn kilogramma" huma fil-biċċa l-kbira prodotti fil-Baħar l-Iswed aktar milli f'għadajjar interni.

(132) Il-Kummissjoni tinnota li l-proċess tal-produzzjoni huwa itwal għal "trota ta' aktar minn kilogramma", u huwa għalhekk li s-sussidju fiż-żmien tal-ħsad huwa ta' 1,5 TL għal kull kilogramma minflok l-istandard ta' 0,75 TL għal kull kilo. Madankollu, il-bdiewa tat-troti jibbenefikaw mill-ħlasijiet totali li saru taħt iż-żewġ rati ta' sussidju.

(133) L-affermazzjoni li "trota ta' aktar minn kilogramma" u troti iżgħar jikkompetu ma' xulxin ma tidhirx li għandha rilevanza għall-allokazzjoni tal-benefiċċju mill-iskema ta' sussidju dirett għall-prodott taħt rieżami. Il-kompetizzjoni sempliċiment tiggwida lill-bidwi biex jagħmel l-għażla li juża l-għadajjar tiegħu biex jaħsad daqs speċifiku ta' troti.

(134) Il-bdiewa jipproduċu troti fi kwalunkwe daqs taħt l-istess liċenzja tal-biedja, u jirċievu żborż wieħed taħt iż-żewġ rati ta' sussidju.

(135) Abbażi tal-kummenti riċevuti mill-kumpanija Selina Balik wara d-divulgazzjoni finali u d-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-Kummissjoni kkoreġiet żbalji klerikali fiċ-ċifri tal-produzzjoni totali tal-kumpanija f'konformità mas-sejbiet tal-RCC.

(136) Madankollu, Selina Balik ikkontestat li l-Kummissjoni għal waħda miż-żewġ kumpaniji agrikoli f'dan il-grupp kienet użat ammont ta' benefiċċju ta' sussidju dirett differenti minn dak iddikjarat fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, Selina Balik talbet lill-Kummissjoni tnaqqas l-ispejjeż bankarji mħallsa għat-tranżazzjonijiet mill-ammont tal-benefiċċju tas-sussidju dirett.

(137) Iż-żewġ affermazzjonijiet ma ntlaqgħux. L-ewwel nett, għall-produtturi kollha soġġetti għal din l-investigazzjoni (inkluża Selina Balik), il-Kummissjoni użat id-*data* vverifikata dwar l-ammonti ta' sussidju żborżati pprovduti mill-GTT. Selina Balik ma pprovdiet l-ebda informazzjoni jew evidenza li tiġġustifika jew tispjega d-differenza bejn l-ammont iddikjarat fit-tweġiba għall-kwestjonarju u l-ammont ipprovdut mill-GTT, għalhekk il-Kummissjoni qagħdet fuq id-*data* pprovduta mill-GTT. Dawn tal-aħħar ġew ivverifikati mill-Kummissjoni u fil-każijiet l-oħra kollha qablu mad-*data* rrappurtata mill-kumpaniji fil-kampjun. Għalhekk intużaw b'mod konsistenti bħala bażi

għall-kalkolu tal-benefiċċju tas-sussidju dirett. It-tieni, Selina Balik naqset milli turi li l-imposti bankarji mġarrba tħallsu direttament lill-GTT matul il-PIR. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li dawk l-imposti tħallsu lil partijiet terzi (eż. il-banek) u ma koprew l-ebda aġġustament permess skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

(138) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-GTT tenna li "trota ta' aktar minn kilogramma" mhijiex prodott taħt rieżami; li l-proċess ta' produzzjoni tiegħu huwa differenti minn dak ta' trota iżgħar; u li jaqgħu taħt kodiċijiet HS u NM differenti minn troti iżgħar. Dawn l-affermazzjonijiet reġgħu ġew miċħuda għar-raġunijiet stabbiliti fil-Premessa 113 'il quddiem.

(139) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li l-iżborżi li saru għall-ħsad ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" huma koperti mid-definizzjoni tal-prodott taħt rieżami. Il-prodott li qed jiġi rieżaminat huwa trota, ħajja jew mejta, ipproċessat taħt diversi forom, inklużi fletti. Jekk il-benefiċċji mogħtija permezz ta' appoġġ dirett lil "trota ta' aktar minn kilogramma" ma jiġux ikkunsidrati, id-dazji kumpensatorji li jirriżultaw ma jkoprux il-prodott kollu taħt rieżami (esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' troti pproċessati).

### 4.3. **Appoġġ dirett lill-produtturi tat-troti — kummenti dwar is-sussidju tat-troti mixtrija**

#### 4.3.1. *Kummenti wara d-divulgazzjoni finali*

(140) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTT, il-produtturi esportaturi fil-kampjun, u l-kumpanija Selina Balik ikkontestaw il-kalkolu tal-benefiċċju indirett li l-produtturi esportaturi fil-kampjun u Selina Balik irċevew għax-xiri ta' troti minn bdiewa oħra tat-troti fit-Turkija.

(141) Dawn il-partijiet interessati sostnew ukoll li l-metodoloġija għall-kalkolu tas-sussidju riċevut għat-troti mixtrija kienet differenti mill-metodoloġija użata f'investigazzjonijiet preċedenti, filwaqt li ma kienx hemm ċirkostanzi mibdula li jiġġustifikaw bidla bħal din fil-metodoloġija. Huma argumentaw li s-sussidji riċevuti għal "trota ta' aktar minn kilogramma" għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-ammont ta' sussidju riċevut fil-PIR attwali.

(142) Selina Balik b'mod partikolari nnotat li dejjem kien hemm bdiewa ta' troti li pproduċew taħt il-limitu massimu tal-produzzjoni, iżda dan ma kienx intuża biex jiġi kkalkulat il-benefiċċju għat-troti mixtrija f'investigazzjonijiet preċedenti.

(143) F'investigazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li l-bdiewa kollha fit-Turkija rċevew l-istess ammont ta' sussidju għal kull kilogramma ta' troti li mbagħad inxtraw mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. It-Taqsima 4.1.5 hawn fuq tispjega għaliex iċ-ċirkostanzi mibdula wasslu għal bidla fil-metodoloġija tal-Kummissjoni.

(144) B'mod partikolari l-partijiet interessati nnutaw li l-Kummissjoni kienet kapaċi tuża *data* speċifika għall-bidwi li kienet waslet mingħand il-GTT, iżda l-Kummissjoni kienet ikkalkulat medja għat-tliet produtturi fil-kampjun, u użat dik iċ-ċifra unika fil-Lira Torka għal kull kilogramm biex tikkalkula l-benefiċċju għat-troti mixtrija mit-tliet produtturi fil-kampjun u Selina Balik.

(145) Il-Kummissjoni ntalbet tikkalkula ċifra individwali għall-erba' gruppi ta' kumpaniji abbażi tal-istess sett ta' *data*, minflok tapplika r-rata medja għall-gruppi ta' kumpaniji kollha. Peress li l-Kummissjoni kellha d-*data* meħtieġa disponibbli, il-Kummissjoni aċċettat din l-affermazzjoni.

(146) Il-partijiet interessati inkluża Selina Balik innotaw ukoll li l-qasma tridirezzjonali tal-Kummissjoni tax-xiri tal-erba' gruppi ta' kumpaniji ("li ma nstabx jew ma rċevietx sussidju", "taħt il-limitu massimu" jew "fuq il-limitu massimu") u l-kalkoli li jirriżultaw minn din il-qasma, kienu għaddu darbtejn xi ammonti ta' sussidju mogħtija lill-bdiewa tat-troti fit-Turkija kollha kemm hi.

(147) Il-Kummissjoni aċċettat din l-affermazzjoni, u rrevediet il-metodoloġija tagħha wara d-divulgazzjoni finali kif xieraq.

4.3.2. *Troti mixtrija — metodoloġija divulgata f'divulgazzjoni finali addizzjonali*

(148) Il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha fuq il-lista ta' bdiewa tat-troti pprovduta mill-GTT. Minn dik il-lista, il-Kummissjoni identifikat jekk bidwi kellux produzzjoni ssussidjata ogħla jew inqas mil-limitu massimu tal-produzzjoni ta' 350 tunnellata. Din il-lista tagħti l-produzzjoni totali ssussidjata tat-troti u s-sussidju riċevut fl-2020 għal kull liċenzja u għal kull detentur tal-liċenzja fuq bażi ta' entità ġuridika.

(149) Il-produzzjoni u l-benefiċċju totali għat-Turkija kollha ngħataw mill-GTT bħala 144 283 000 kilogramma u 76 316 948 Lira Torka.

(150) L-ewwel nett, il-Kummissjoni identifikat il-bdiewa "taħt il-limitu massimu", jiġifieri dawk il-bdiewa li rċevew sussidju għal kwantità prodotta inqas minn 350 tunnellata irrispettivament mill-għadd ta' liċenzji tal-biedja matul il-PIR. Imbagħad ikkalkulat ir-rata ta' 0,966 Lira Torka għal kull kilogramma għall-bdiewa identifikati bħala taħt il-limitu massimu billi qieset il-produzzjoni tagħhom bħala kompletament issussidjata u qasmet l-ammont totali ta' sussidju riċevut (37 441 048 Lira Torka) bil-kwantità totali ta' produzzjoni ssussidjata ta' troti (38 753 671 kilogramma).

(151) It-tieni, l-ammont ta' hawn taħt tal-produzzjoni ssussidjata u l-ammont tal-benefiċċju tnaqqas mill-ammont totali ta' produzzjoni u benefiċċju fil-livell tal-pajjiż, li rriżulta f' 105 529 329 kilogramma u sussidju ta' 38 875 901 TL. Dan irriżulta f'sussidju medju ta' 0,368 TL għal kull kilogramma prodott għall-bdiewa l-oħra kollha, jiġifieri dawk il-bdiewa li qabel kienu identifikati bħala li jipproduċu 'l fuq mil-limitu massimu jew li ma rċevew l-ebda sussidju.

(152) Dawn iż-żewġ rati ta' sussidju, li huma 0,966 TL għal kull kilogramm u 0,368 TL għal kull kilogramm, imbagħad ġew applikati għall-fornituri individwali tal-gruppi ta' kumpaniji esportaturi inklużi fil-kampjun u Selina Balik, bl-użu tal-klassifikazzjoni ta' hawn fuq, u rata medja ta' sussidju kkalkulata għal kull grupp ta' kumpaniji.

(153) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-GTT sostna li l-qasma tas-sussidju mħallas lill-bdiewa "taħt il-limitu massimu" u l-bqija tal-bdiewa kienet skorretta, u pprovda qasma oħra tas-sussidju, mingħajr ma pprovda l-ebda evidenza dwar minn fejn ġiet din il-qasma jew fuq liema bażi kienet ġiet ikkalkulata. L-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

(154) Il-partijiet interessati ddikjaraw li l-iżvelar rigward is-sussidju indirett ma kienx biżżejjed u li s-sussidji riċevuti għal kull fornitur għandhom jiġu żvelati lilhom. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda minħabba n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni pprovduta mill-GTT. Il-Kummissjoni qieset id-deskrizzjoni tal-metodoloġija riveduta ta' hawn fuq, flimkien ma' informazzjoni addizzjonali pprovduta lill-produtturi esportaturi li kkooperaw, bħala informazzjoni suffiċjenti biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-partijiet.

(155) Żewġ produtturi esportaturi affermaw li l-kalkolu tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija ma kienx korrett għalihom, peress li x-xiri tagħhom matul il-PIR fil-fatt kien prinċipalment jew totalment trota ta' inqas minn 1,2 kg. Huma ssuġġerew li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li l-fornituri tagħhom kienu għalhekk issussidjati biss taħt ir-rata ta' 0,75 TL għal kull kilogramma u jikkalkolaw mill-ġdid il-benefiċċju fuq it-troti mixtrija tagħhom skont dan.

(156) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda, peress li l-evidenza wriet b'mod ċar li l-produzzjoni tat-troti fit-Turkija hija ssussidjata abbażi tal-ammonti totali żborżati taħt iż-żewġ rati ta' sussidju lill-bdiewa. Irrispettivament mid-daqs tat-trota mixtrija mill-produtturi esportaturi, ir-rata ta' sussidju għal kull kilogramma li tgħaddi mit-trota mixtrija hija bbażata fuq is-sitwazzjoni tal-bidwi fornitur u mhijiex ibbażata fuq id-daqs tat-troti li l-produttur esportatur jixtri mingħand dak il-bidwi. Il-fatt li xi produtturi esportaturi ma jipproduċux trota ta' aktar minn kilogramma, għalhekk ma jfissirx li l-fornituri tagħhom (il-bdiewa) mhumiex issussidjati taħt iż-żewġ daqsijiet tat-troti. Kif spjegat aktar fil-premessa 160, ma wasal l-ebda kumment jew evidenza addizzjonali mill-GTT f'dan ir-rigward.

(157) Wara d-divulgazzjoni, xi produtturi esportaturi kkontestaw il-metodu użat mill-Kummissjoni, u ħadu eżempji ta' xi whud mill-fornituri tagħhom f'tentattiv biex juru li l-metodu użat ma kienx jikkategorizza b'mod korrett il-bidwi tat-troti kkonċernat.

(158) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet, peress li l-eżempji ma tqisux rappreżentattivi biżżejjed u għalhekk ma wrewx li l-metodoloġija tal-Kummissjoni ma kinitx xierqa.

(159) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija tagħha, li tiddependi fuq tqabbil matematiku tad-*data* pprovduta mill-GTT, hija l-aktar mod xieraq u raġonevoli biex il-bdiewa tat-troti jinqasmu fiż-żewġ kategoriji meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod korrett is-sussidju tat-troti mixtrija.

(160) Il-metodoloġija ġiet żvelata wkoll lill-GTT flimkien mal-kalkoli kollha fil-livell tal-bdiewa, u l-GTT ma pprovda l-ebda evidenza li tiġġustifika l-adattament tal-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni.

(161) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li anki jekk taċċetta dawn l-eżempji, ma setgħetx taċċetta sempliċi dikjarazzjonijiet mill-produtturi esportaturi rigward il-kundizzjoni tal-fornituri tagħhom mingħajr ebda verifika, jew dikjarazzjonijiet ta' sostenn mill-fornitur ikkonċernat.

(162) Fishark sostniet ukoll li l-kwantità totali mixtrija użata fil-kalkolu tas-sussidju indirett kienet skorretta, peress li l-Kummissjoni ma qisitx il-kwantitajiet totali mixtrija rritornati lil klijenti mhux relatati.

(163) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni minħabba li matul il-kontroverifiki mill-bogħod, il-kumpanija ċċarat li t-tranżazzjonijiet irreġistrati taħt "Bejgħ ritornat" irreferew għal korrezzjonijiet kontabilistiċi tal-valuri tax-xiri kkomputati ħażin u għalhekk ma rreferewx għar-redditi fiżiċi tal-prodott taħt rieżami. Fishark ma kkummentax dwar din is-sejba wara li rċieva r-rapport ta' kontroverifika mill-bogħod, u ma ppreżenta l-ebda evidenza ulterjuri qabel id-divulgazzjoni finali, u għalhekk din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(164) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, Gumusdoga u Fishark sostnew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tintroduċi mill-ġdid il-kategorija ta' bdiewa li "ma nstabux jew ma rċevewx sussidju" u ma talloka l-ebda benefiċċju għax-xiri minn dawn il-bdiewa.

(165) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni għar-raġuni li l-investigazzjonijiet preċedenti kollha sabu li t-troti mixtrija kollha huma ssussidjati sa ċertu punt, u li l-aħħar metodoloġija tirrifletti dik id-dikjarazzjoni ġenerali.

(166) Selina Balik sostniet li l-metodoloġija għall-kalkolu tas-sussidju indirett hija żbaljata peress li tonqos milli tqis il-kapaċità nominali indikata f'kull liċenzja tal-biedja. B'mod partikolari, il-Kummissjoni injorat il-fatt li l-volumi ta' produzzjoni li jistgħu jiġu ssussidjati huma limitati mhux biss bil-limitu massimu WFE ta' 350 000 kilogrammi, iżda wkoll bil-kapaċità nominali indikata fil-liċenzja tal-biedja rilevanti ta' kull bidwi.

(167) Il-Kummissjoni użat il-metodu ta' produzzjoni sussidjat, minħabba d-diskrepanza bejn il-kapaċità nominali rrappurtata għall-pajjiż kollu ta' 244 000 tunnellata u l-produzzjoni attwali ta' 144 000 tunnellata. Il-produzzjoni ssussidjata għalhekk tqieset li tipprovdi metodu aktar raġonevoli għall-kalkolu tar-rati ta' sussidju indiretti li għandhom jiġu allokati lill-produtturi esportaturi. Is-sejbiet dettaljati inkluża l-klassifikazzjoni tal-kumpaniji ġew sottomessi lill-GTT u l-ebda kumment fir-rigward tal-preċiżjoni, u l-ebda metodu alternattiv ma ġie sottomess fil-kummenti tal-GTT għall-iżvelar. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat kwalunkwe metodu alternattiv propost mill-produtturi esportaturi.

(168) Fuq din il-bażi, il-kalkoli kienu kif ġej:

*Tabella 3*

**Benefiċċju għal kull kumpanija għal trota mixtrija fl-2020**

| Grupp ta' kumpanija | Rata medja ta' sussidju TL għal kull kilogramm |
|---|---|
| Fishark | 0,614 |
| Gumusdoga | 0,791 |
| Ozpekler | 0,728 |
| Selina Balik | 0,899 |

*Tabella 4*

**Appoġġ għall-produzzjoni tat-trota**

| Grupp ta' kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Fishark | 3,47 % |
| Gumusdoga | 2,10 % |
| Ozpekler | 2,75 % |
| Selina Balik | 2,54 % |

### 4.4. **Dħul mitluf - appoġġ għal investimenti li saru fis-settur tal-akkwakultura**

#### 4.4.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(169) Id-Digriet Nru 2012/3305 ([18]) u l-Komunikat ta' implimentazzjoni Nru 2012/1 ([19]) jipprovdu l-bażi għall-appoġġ mill-Istat għall-investimenti fis-settur tal-akkwakultura ([20]) u jikkostitwixxu l-bażi tal-Programm ta' Inċentivi għall-Investiment tat-Turkija. Dan jinkludi żewġ skemi ta' inċentivi:

— Inċentivi ta' investiment reġjonali, inkluż appoġġ għall-eżenzjoni mill-VAT, eżenzjonijiet mid-dazju doganali, tnaqqis tat-taxxa, appoġġ għall-primjum tas-sigurtà soċjali (is-sehem tal-impjegatur), l-appoġġ għall-imgħax, l-allokazzjoni tal-art, it-taxxa fuq l-introjtu minn ras il-għajn, l-appoġġ għall-primjum tas-sigurtà soċjali (is-sehem tal-impjegat); u

— Inċentivi ġenerali għall-investiment, inkluż appoġġ għall-eżenzjoni mill-VAT, eżenzjonijiet mid-dazju doganali, taxxa fuq l-introjtu miżmuma minn ras il-għajn.

(170) Il-kumpaniji li ma jistgħux jissodisfaw il-kriterji tal-ammont minimu ta' investiment skont l-iskema ta' inċentivi għall-investiment reġjonali jistgħu jibbenefikaw mill-iskema ta' inċentivi għall-investimenti ġenerali, li hija disponibbli għas-sitt reġjuni kollha ddefiniti fid-Digriet Nru 2012/3305. Abbażi tal-livell ta' żvilupp ekonomiku tas-sitt reġjuni l-intensità tal-għajnuna tista' tvarja.

(171) Kemm id-Digriet kif ukoll il-Komunikat għadhom validi, u s-sitt reġjuni ma nbidlux mill-investigazzjoni oriġinali.

#### 4.4.2. *Konklużjoni*

(172) Matul l-RIP, Gumusdoga bbenefikat minn tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu.

(173) It-tliet kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun ibbenefikaw minn eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju doganali skont l-inċentivi ta' investiment reġjonali.

(174) Kif ikkonfermat fl-investigazzjoni oriġinali ([21]) u r-rieżami ta' skadenza, ([22]) l-appoġġ għall-investimenti jitqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, meta l-appoġġ jieħu l-forma ta' inċentiv fiskali, jiġifieri meta d-dħul tal-gvern ikun dovut mod ieħor iżda fil-fatt ikun mitluf jew ma jinġabarx.

(175) Is-sussidju huwa speċifiku u kumpensabbli peress li l-benefiċċju tas-sussidju huwa speċifikament limitat għal kumpaniji li jinsabu f'wieħed mir-reġjuni elenkati. L-aċċess għas-sussidju huwa llimitat ulterjorment għal ċerti intrapriżi li joperaw f'ċerti setturi. Barra minn hekk, is-sussidju ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' nuqqas ta' speċifiċità tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku, minħabba n-numru u l-kwalità tar-restrizzjonijiet applikabbli għal ċerti setturi, b'mod partikolari dawk li jirrestrinġu l-aċċess għas-sussidju għal ċerti tipi ta' intrapriżi jew jeskludu kompletament ċerti setturi.

([18]) Ippubblikat fid-19 ta' Ġunju 2012, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 28328
([19]) Ippubblikat fl-20 ta' Ġunju 2012, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 28329
([20]) Il-produzzjoni tal-akkwakultura hija elenkata b'mod espliċitu fl-Anness 2/A tad-Digriet Nru 2012/3305 fost is-setturi li jistgħu jibbenefikaw minn inċentivi bħall-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), l-eżenzjoni mid-dazju doganali, it-tnaqqis tat-taxxa, il-kontribuzzjonijiet għall-investiment, l-appoġġ għall-primjum tas-sigurtà soċjali (il-kontribuzzjoni tal-impjegaturi, l-allokazzjoni tal-art, l-appoġġ għar-rata tal-imgħax, l-appoġġ għat-taxxa fuq l-introjtu u l-appoġġ għall-primjum tas-sigurtà soċjali (il-kontribuzzjoni tal-impjegati).
([21]) Il-Premessi 45 sa 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1195/2014.
([22]) Il-Premessi 63 sa 65 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

(176) L-akkwakultura hija espressament indikata fl-Anness 2 A tad-Digriet 2012/3305 bħala waħda mill-attivitajiet li jistgħu jibbenefikaw minn dan it-tip ta' eżenzjonijiet mit-taxxa. L-Anness 4 tad-Digriet jelenka s-setturi li jistgħu ma jibbenefikaw minn ebda inċentiv taħt din l-iskema.

4.4.3. *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(177) Sabiex jiġi stabbilit l-ammont tas-sussidju kumpensabbli għall-eżenzjonijiet mit-taxxa, il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxa totali pagabbli skont ir-rata normali tat-taxxa u t-taxxa totali pagabbli skont ir-rata mnaqqsa tat-taxxa.

(178) Għall-eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju doganali, il-Kummissjoni identifikat dawk l-assi li kienu nxtraw matul il-PIR u l-ammont ta' VAT jew dazju eżentat. Benefiċċju tal-fluss tal-flus ta' xahrejn ġie kkalkulat bl-użu tar-rata tal-imgħax fuq terminu qasir għall-PIR.

(179) Wara d-divulgazzjoni, Gumusdoga u l-GTT it-tnejn talbu li l-Kummissjoni ma għandhiex tikkumpensa għall-eżenzjonijiet tal-VAT.

(180) Il-GTT iddikjara li l-awtoritajiet investigattivi tal-Istati Uniti ma sabux eżenzjonijiet mill-VAT fl-iskema ta' ċertifikat ta' inċentiv għall-investiment f'Turkija kumpensabbli u rrefera għal deċiżjoni tal-Istati Uniti, "Countervailing Duty Investigation of Common Alloy Aluminium Sheet from the Republic of Turkey" ([23]).

(181) Il-Kummissjoni tinnota li fil-paġna 17 ta' dan id-dokument id-DOC tal-Istati Uniti tinnota li d-determinazzjoni tagħhom hija li din l-iskema ma tipprovdi l-ebda benefiċċju, iżda li kienu fil-proċess li jiġbru fatti addizzjonali rigward l-operat tas-sistema tal-VAT tal-GTT.

(182) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-DOC tal-Istati Uniti jaqbel mal-Kummissjoni li d-dazji doganali eżentati jikkostitwixxu benefiċċju taħt din l-iskema.

(183) Il-GTT argumenta li filwaqt li l-produtturi jħallsu l-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħhom mingħand il-fornituri, huma jiġbru l-VAT tal-output fuq il-bejgħ tagħhom lill-klijenti tagħhom; għalhekk il-klijenti jġorru l-piż finali tat-taxxa u għalhekk l-eżenzjonijiet mill-VAT mhumiex kumpensabbli.

(184) Bl-istess mod, il-kumpanija Gumusdoga sostniet li hija kienet kapaċi tpaċi l-VAT tagħha pagabbli mar-riċevibbli tal-VAT tagħha u għalhekk l-uniku benefiċċju fil-parteċipazzjoni fl-iskema kien li jiġu evitati pagamenti bil-quddiem tal-VAT u b'hekk il-piż amministrattiv fit-tpaċija tal-VAT pagabbli mal-ammonti riċevibbli tal-VAT. Għalhekk, huma talbu li l-ebda benefiċċju ma għandu jiġi kkalkulat f'konformità ma' investigazzjonijiet preċedenti.

(185) Għall-kuntrarju tal-kummenti ta' Gumusdoga, il-Kummissjoni qieset li dawn l-eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju doganali għandhom jiġu kkumpensati.

(186) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 148 sa 150, il-Kummissjoni, f'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti, stabbiliet li l-iskema ta' eżenzjoni mill-VAT f'Turkija hija sussidju kumpensabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Il-fatt li minn perspettiva kontabilistika, l-ammonti pagabbli tal-VAT jiġu paċuti ma' ammonti riċevuti, ma jneħħix il-benefiċċju f'termini ta' fluss ta' flus, li jirriżulta mill-fatt li l-produtturi esportaturi ma jkollhomx għalfejn iħallsu flus bil-quddiem, u mbagħad jistennew li jirċievu rifużjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa abbażi tal-ipproċessar tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom ta' kull xahar, kif inhu l-każ għall-kumpaniji li ma jibbenefikawx mill-iskema.

(187) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-GTT tenna li l-iskema ta' eżenzjoni mill-VAT f'Turkija mhijiex sussidju kumpensabbli. Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi ta' hawn fuq, dan l-argument ġie miċħud.

(188) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet mill-VAT li kienu ta' benefiċċju għall-kumpanija Gumusdoga, il-Kummissjoni kkalkulat żieda ta' żmien ta' xahrejn. Wara d-divulgazzjoni finali, il-kumpanija talbet kjarifika dwar kif il-Kummissjoni ddeterminat il-perjodu ta' xahrejn, u sostniet li kien hemm perjodu ta' xahar biss biex tpaċi l-ħlas tal-VAT. Kif iddikjarat fil-premessa 42 tar-Regolament provviżorju, "il-benefiċċji miksuba matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu jikkonsistu biss fi gwadann ta' żmien ta' xahrejn sakemm il-kumpaniji ġew rimborżati l-VAT tagħhom mill-awtoritajiet tat-taxxa". Ma saru l-ebda kummenti dwar din id-dikjarazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali u l-Kummissjoni ma għandha l-ebda evidenza fil-fajl li s-sistema tal-VAT f'Turkija nbidlet minn dak iż-żmien.

([23]) Decision Memorandum for the Preliminary Affirmative Determination in the Countervailing Duty Investigation of Common Alloy Aluminium Sheet from the Republic of Turkey Case number C-489-840 ippubblikat fis-7 ta' Awwissu 2020.

(189) Wara d-divulgazzjoni finali, Gumusdoga sostniet li jenħtieġ li l-Kummissjoni talloka t-tnaqqis tat-taxxa lid-diversi prodotti msemmija fiċ-ċertifikati ta' appoġġ għall-investiment li fuqhom kien ibbażat it-tnaqqis tat-taxxa.

(190) Dan l-argument ġie miċħud peress li t-tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu huwa introjtu għall-kumpanija u għalhekk huwa allokat fuq il-fatturat totali tal-grupp.

(191) Għas-sussidju kumpensabbli għall-eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju doganali, il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala benefiċċju tal-fluss tal-flus għax-xiri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

*Tabella 5*

**Dħul mitluf**

| Kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Fishark | 0,00 % |
| Gumusdoga | 1,77 % |
| Ozpekler | 0,00 % |
| Selina Balik | 0,00 % |

### 4.5. **Trasferiment dirett ta' fondi – assigurazzjoni appoġġata għas-settur tal-akkwakultura**

#### 4.5.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(192) Skont id-Digriet dwar l-Assigurazzjoni Agrikola Nru 5363 ([24]) u d-Digriet Nru 2018/380 ([25]) dwar ir-riskji, l-għelejjel u r-reġjuni li għandhom jiġu koperti mill-Grupp tal-Assigurazzjoni Agrikola u r-Rati ta' Appoġġ tal-Primjum għall-RIP, il-produtturi tal-prodotti tal-akkwakultura jistgħu jibbenefikaw minn primjum tal-assigurazzjoni mnaqqas li jkopri t-telf tal-istokk ta' ħut u t-trobbija tat-trota minħabba diversi mardiet possibbli, diżastri naturali, inċidenti, eċċ. L-appoġġ tal-GTT jammonta għal 50 % tal-primjum tal-assigurazzjoni.

#### 4.5.2. *Konklużjoni*

(193) Kif ikkonfermat fl-investigazzjoni oriġinali ([26]) u fir-rieżami ta' skadenza, ([27]) il-benefiċċju mogħti minn din l-iskema jieħu l-forma ta' tnaqqis fil-kostijiet finanzjarji mġarrba fil-kopertura tal-assigurazzjoni tal-ħajja tal-bhejjem tal-akkwakultura.

(194) Din l-iskema tikkostitwixxi sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' għotja diretta mill-GTT lill-produtturi tat-trota u kontribuzzjoni finanzjarja minħabba li r-riċevituri tas-sussidju jibbenefikaw minn primjum tal-assigurazzjoni favorevoli, li huwa ferm anqas mil-livell ta' primjums tal-assigurazzjoni disponibbli fis-suq għall-kopertura ta' riskji komparabbli.

(195) Din l-iskema tikkostitwixxi benefiċċju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Il-benefiċċju huwa ugwali għad-differenza bejn il-primjums offruti fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni kummerċjali u l-primjum sussidjat.

(196) L-appoġġ huwa speċifiku peress li l-awtorità awtorizzanti u l-leġiżlazzjoni li skontha topera l-awtorità awtorizzanti jillimitaw b'mod espliċitu l-aċċess għal dan il-primjum imnaqqas għall-intrapriżi li joperaw fis-settur agrikolu u saħansitra jimmiraw b'mod espliċitu lejn ir-riskji mġarrba mill-produtturi tal-akkwakultura.

([24]) L-Artikoli 12 u 13, Gazzetta Uffiċjali Nru 25852 tal-21 ta' Ġunju 2005.
([25]) Gazzetta Uffiċjali Nru 30608 tas-27 ta' Novembru 2018.
([26]) Il-Premessi 88 sa 89 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1195/2014 ikkonfermati mill-Premessa 42 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/309.
([27]) Il-Premessa 70 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

### 4.6. **Trasferiment dirett ta' fondi – skemi oħrajn**

#### 4.6.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(197) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produttur esportatur inkluż fil-kampjun Gumusdoga rċieva trasferimenti diretti ta' fondi mill-GTT li ġew irreġistrati fil-kontijiet tiegħu bħala dħul.

(198) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar l-entrati kollha għall-2020 f'dan il-kont tad-dħul u l-kumpanija pprovdiet dettalji għal kull entrata. Ġew innotati tliet entrati li huma trasferimenti diretti ta' fondi limitati għall-esportaturi kif ġej:

(199) L-ewwel nett, il-kumpanija rċeviet fondi f'kont "Aegean Exporters' Association Support" li l-kumpanija ddikjarat kien relatat mal-appoġġ rigward it-trasport bl-ajru. Dan huwa rregolat mid-"Digriet Presidenzjali dwar l-Appoġġ tal-Ispejjeż tat-Trasport tal-Merkanzija bl-Ajru datat is-16 ta' Mejju 2020 Numru 2552" għal Mejju sa Lulju 2020 ([28]).

(200) It-tieni, il-kumpanija rċeviet fondi f'kont "Ministry of Economy Export Incentives" ("appoġġ ta' inċentiv għall-esportazzjoni"). Il-kumpanija ddikjarat li "*bid-Digriet bin-numru 2014/8* ([29]) *hija għandha l-għan li tappoġġa lill-kumpaniji li jwettqu attivitajiet industrijali u/jew kummerċjali fit-Turkija biex jiksbu ċertifikati ta' aċċess għas-suq u jiżguraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista globali*".

(201) It-tielet, il-kumpanija rċeviet fondi f'kont "Exhibition Support Income". Il-kumpanija ddikjarat li din l-assistenza hija rregolata minn "Digriet dwar l-Appoġġ għall-Parteċipazzjoni f'Fieri Barra mill-Pajjiż" bin-numru 2017/4 ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali bid-data tas-7 ta' April 2017 bin-numru 30031. Skont dan id-Digriet, l-esportaturi jistgħu jitolbu rimborż mid-Direttorat Ġenerali għall-Esportazzjonijiet taħt il-Ministeru tal-Kummerċ għall-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali organizzati barra mill-pajjiż li huma kkwalifikati mill-Ministeru tal-Kummerċ bħala eliġibbli għall-appoġġ.

### 4.7. **Konklużjoni**

(202) Għall-ewwel għotja, il-Kummissjoni tqis li din hija kontinġenti fuq l-esportazzjoni, peress li hija rifużjoni tal-ispejjeż tat-trasport tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-esportatur għandu jiffirma impenn li jesporta u li jagħti lura l-għotja jekk il-prodotti esportati jiġu rritornati lil Turkija. Barra minn hekk, l-iskema hija speċifika għall-esportaturi li jappartjenu għal ċerti setturi, li fosthom hija elenkata l-akkwakultura.

(203) Għat-tieni għotja, il-Kummissjoni tqis li dan huwa kontinġenti wkoll fuq l-esportazzjonijiet, peress li huwa r-rimborż tal-ispejjeż magħmula fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni sabiex jiġu aċċessati s-swieq barranin, bħall-kostijiet taċ-ċertifikazzjoni u tal-kontroll tal-kwalità.

(204) Għat-tielet għotja, il-Kummissjoni tqis li dan huwa kontinġenti wkoll fuq l-esportazzjonijiet peress li hija mfassla għall-promozzjoni tal-kummerċ tal-esportazzjoni permezz ta' fieri kummerċjali barra mill-pajjiż.

(205) Din l-iskema tikkostitwixxi sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' għotja diretta mill-GTT lill-esportaturi Torok. Din l-iskema tikkostitwixxi benefiċċju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(206) Dawn l-għotjiet huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku. Xi wħud minnhom huma wkoll speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku peress li, mid-dokumenti pprovduti mill-produttur esportatur li kkoopera, jidhru li huma limitati għal ċerti setturi industrijali, bħall-akkwakultura. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dawn l-għotjiet huma kumpensabbli u speċifiċi.

(207) Il-benefiċċju huwa l-ammont ta' dħul riċevut u rreġistrat fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(208) Wara d-divulgazzjoni, Gumusdoga kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward il-kumpensabbiltà ta' dawn it-tliet għotjiet.

---

([28]) http://yuksekgerilim.com.tr/tr/ihracat-yuklemelerinde-devlet-navlun-destegi-hk/ (aċċessat fit-22 ta' Awwissu 2022)

([29]) Ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali 04/09/2014 numru 29109

(209) Għall-"Appoġġ tal-Assoċjazzjoni tal-Esportaturi tal-Eġew" (l-ewwel għotja), Gumusdoga affermat li l-iskema mhijiex relatata mal-prodott taħt rieżami, peress li l-esportazzjonijiet ta' prodotti taħt il-Kodiċi HS 0302, 0303, 0304 lejn l-Unjoni Ewropea mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ.

(210) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni peress li l-appoġġ jista' jkopri prodotti taħt kodiċijiet SA oħra li huma parti mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni attwali, jiġifieri l-kodiċijiet HS 0301 u 0305. Il-kumpanija wkoll ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni biex il-Kummissjoni teżamina liema gruppi ta' prodotti kienu koperti mill-appoġġ li rċeviet matul il-PIR.

(211) Gumusdoga sostniet ukoll li din l-ewwel għotja mhijiex relatata mal-bejgħ għall-esportazzjoni destinat għas-suq tal-Unjoni.

(212) Il-Kummissjoni ma tikkontestax li din l-iskema mhijiex esklużiva għall-prodott taħt rieżami, u din hija r-raġuni għaliex il-benefiċċju li rċeviet il-kumpanija ttieħed fuq il-fatturat totali tal-esportazzjoni tal-grupp u mbagħad ġie allokat għall-prodott taħt rieżami.

(213) Għall-appoġġ ta' inċentiv għall-esportazzjoni (it-tieni għotja), Gumusdoga sostniet li waħda biss minn tmien applikazzjonijiet inklużi fil-kalkolu tal-benefiċċju jappartjenu għall-prodott taħt rieżami u għall-PIR. B'konsegwenza ta' dan, huwa talab lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-kalkolu tal-benefiċċju skont dan u twarrab is-seba' applikazzjonijiet li ma jappartjenux għall-prodott taħt rieżami u għall-PIR.

(214) Il-Kummissjoni tirrifjuta din l-affermazzjoni peress li l-benefiċċju ttieħed bħala d-dħul irreġistrat fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, u ġie meħud fuq il-fatturat totali tal-esportazzjoni tal-grupp u mbagħad ġie allokat għall-prodott taħt rieżami.

(215) Gumusdoga talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tinjora l-benefiċċju li jirriżulta mill-"Introjtu mill-Appoġġ għall-Wirjiet" (it-tielet għotja), peress li din l-iskema mhijiex speċifika għas-settur jew għall-kumpanija u lanqas ma hija relatata mal-prodott li qed jiġi rieżaminat jew il-PIR.

(216) Il-Kummissjoni tirrifjuta din l-affermazzjoni peress li hija kontinġenti fuq l-esportazzjoni u l-benefiċċju riċevut matul il-PIR ittieħed fuq il-fatturat totali tal-esportazzjoni tal-grupp u mbagħad ġie allokat għall-prodott taħt rieżami.

*Tabella 6*

**Trasferiment dirett tal-fondi**

| Kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Fishark | 0,00 % |
| Gumusdoga | 0,21 % |
| Ozpekler | 0,09 % |
| Selina Balik | 0,08 % |

### 4.8. **Self preferenzjali**

(217) Matul l-investigazzjoni oriġinali u r-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi tat-trota kienu qegħdin jibbenefikaw minn self preferenzjali, inklużi:

— Self Agrikolu b'Imgħax Baxx jew bl-Ebda Mgħax

— Self għall-esportazzjoni b'imgħax baxx minn Eximbank direttament jew permezz ta' banek oħrajn

(218) Il-Kummissjoni eżaminat is-self preferenzjali lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul l-2020, inkluż is-self agrikolu, is-self għall-esportazzjoni u skemi ta' self oħrajn, inklużi dawk organizzati mill-GTT fl-2020 bħala rispons għall-pandemija tal-COVID.

4.9. **Self agrikolu**

4.9.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(219) Id-Digriet Nru 2020/2015 jipprovdi li Agricultural Credit Cooperatives ("ACCs") u T.C. Ziraat Bankasi A.S ("Ziraat Bankasi") jistgħu jagħtu self b'imgħax baxx u self kummerċjali lill-produtturi tas-settur tal-akkwakultura. Il-produtturi tat-trota jistgħu jirċievu skontijiet fuq ir-rati tal-imgħax applikabbli li jvarjaw bejn 10 % u 80 %. Il-limitu massimu tal-kreditu huwa ta' 10 000 000 TL. Id-Digriet ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022.

(220) L-ACCs huma entitajiet tal-liġi privata stabbiliti minn produtturi agrikoli (jiġifieri persuni fiżiċi jew entitajiet legali li huma involuti fil-produzzjoni agrikola) fit-Turkija sabiex jappoġġaw il-ħtiġijiet finanzjarji tan-negozju tagħhom.

(221) Ziraat Bankasi huwa l-Bank Agrikolu tar-Repubblika tat-Turkija, bank li huwa proprjetà tal-Istat. Matul l-investigazzjoni oriġinali, l-ishma tiegħu kienu proprjetà tas-Sottosegretarjat tat-Teżor. Madankollu, mill-2018, il-kapital tiegħu ġie ttrasferit lill-Fond Tork għall-Ġid u kif instab fir-rieżami tal-iskadenza għadu 100 % proprjetà tal-Fond Tork għall-Ġid ([30]).

(222) F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Digriet nru 6741 dwar l-Istabbiliment ta' Kumpanija għall-Ġestjoni tal-Fond tat-Turkija għall-Ġid u Emendi f'Ċerti Liġijiet, il-Fond tat-Turkija għall-Ġid huwa istituzzjoni affiljata mal-Presidenza ([31]).

(223) Skont l-Artikolu 13(2) tad-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri 2016/9429, il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-Fond huwa l-President tar-Repubblika. Wieħed mill-Membri tal-Bord jista' jiġi assenjat bħala d-Deputat President mill-President tar-Repubblika ([32]).

(224) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali ([33]), Ziraat Bankasi tipprovdi self preferenzjali lis-settur tal-akkwakultura, biex tippromwovi l-produzzjoni agrikola u l-industrija agrikola. F'dan ir-rigward, il-Kunsill tal-Ministri kull sena jistabbilixxi t-tul, il-proċeduri u l-prinċipji tal-programm u t-Teżor jittrasferixxi l-ammont li jifdal tal-ħlas tal-imgħax, li jikkorrispondi għar-rata tal-imgħax skontata, lil Ziraat Bankasi.

(225) Għalhekk, l-investigazzjoni oriġinali stabbiliet li Ziraat Bankasi ngħatat awtorità governattiva abbażi tad-Digriet 2013/4271, li ġie sostitwit bid-Digriet 2020/2015 fuq l-istess bażi.

(226) Għalhekk, T.C. Ziraat Bankasi A.S tkompli tingħata l-awtorità governattiva u l-Kummissjoni tkompli tqis, bħal f'investigazzjonijiet preċedenti, li huwa korp pubbliku.

4.9.2. *Sejbiet*

(227) Matul l-RIP, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw kellhom self b'imgħax baxx pendenti mingħand Ziraat Bankasi.

(228) Wara d-divulgazzjoni, Gumusdoga kkummentat li jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tqisx is-self agrikolu minn Ziraat Bankasi bħala kumpensabbli, peress li kien marbut max-xiri ta' polza tal-assigurazzjoni marbuta mal-produzzjoni ta' prodotti oħra u mhux mal-prodott taħt rieżami.

(229) Dan l-argument ġie miċħud peress li s-self sar lill-kumpanija u ma kien hemm l-ebda evidenza li self simili kien ġeneralment disponibbli għall-kumpaniji fit-Turkija. Barra minn hekk, is-self ma kienx jiddependi fuq il-produzzjoni ta' prodotti oħra, iżda biss għax-xiri ta' polza tal-assigurazzjoni f'azjenda agrikola partikolari.

([30]) https://www.ziraatbank.me/en/ziraat-bank-turkey-today (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2022).
([31]) https://www.tvf.com.tr/uploads/file/law-no-6741.pdf (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2022).
([32]) https://www.tvf.com.tr/uploads/file/decree.pdf (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2022).
([33]) Il-Premessa 67 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1195/2014.

### 4.10. **Krediti għall-esportazzjoni**

#### 4.10.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(230) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali ([34]) u fir-rieżami ta' skadenza, ([35]) Turkija İhracat Kredi Bankası A.Ş ("Eximbank") inkera mill-GTT fil-21 ta' Awwissu 1987 bid-Digriet Nru 87/11914, b'segwitu tad-Digriet Nru 3332 ([36]) dwar il-krediti għall-esportazzjoni, u huwa bank kompletament tal-Istat li jaġixxi bħala l-istrument ta' inċentiv għall-esportazzjoni tal-GTT fl-istrateġija għall-esportazzjoni tat-Turkija.

(231) Eximbank ingħata l-mandat mill-gvern biex jappoġġa l-kummerċ barrani u l-kuntratturi/l-investituri Torok li joperaw barra mill-pajjiż, sabiex jiżdiedu l-esportazzjonijiet tan-negozji Torok u tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tagħhom.

(232) Il-Kummissjoni tibqa' tqis lil Eximbank bħala li huwa vestit b'awtorità governattiva u għalhekk jitqies bħala korp pubbliku.

(233) Il-Liġi Nru 3332, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni Nru 2013/4286 ([37]) dwar l-istabbiliment ta' Eximbank jikkostitwixxu l-bażi ġuridika għall-krediti għall-esportazzjoni pprovduti permezz ta' Eximbank.

(234) Eximbank jipprovdi appoġġ finanzjarju (jew direttament jew permezz ta' banek tal-aġenti li jaħdmu fuq bażi ta' kummissjoni), bħal krediti għall-esportazzjoni kontinġenti qabel jew wara l-konsenja u krediti għall-investiment orjentati lejn l-esportazzjoni lill-esportaturi, bl-intenzjoni li tiżdied il-kompetittività tal-esportaturi Torok fi swieq barranin.

(235) Eximbank juża wkoll krediti għar-riskontar biex jipprovdu avvanzi ta' flus lill-esportaturi abbażi tal-iskontar tal-kontijiet u tad-dokumenti relatati mal-bejgħ tal-esportazzjoni ([38]). Il-bażi ġuridika għal dawn il-krediti hija l-"*Prinċipji ta' Implimentazzjoni u ċ-Ċirkolari dwar is-Servizzi ta' Qligħ mill-Esportazzjoni u mill-Kambju Barrani u Krediti għar-Riskontar (Programm ta' Riskontar*)" ([39]) u l-Artikolu 45 tal-Liġi tal-Bank Ċentrali.

(236) Ir-Rapport Annwali tal-2020 tal-Bank Ċentrali tat-Turkija (TCMB) innota li l-għan tal-krediti għar-riskontar "*li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-kumpaniji tal-esportazzjoni għal krediti b'kostijiet favorevoli u li jissaħħu r-riżervi tas-CBRT.*" ([40])

(237) Il-krediti għar-riskontar huma ffinanzjati mill-Bank Ċentrali tat-Turkija, iżda jgħaddu mill-istituzzjonijiet finanzjarji Torok (banek pubbliċi kif ukoll privati) li jaġixxu bħala aġenti tas-CBRT. Ir-rati tal-imgħax huma stabbiliti mit-TCMB, u l-banek tal-aġenti jiġu remunerati permezz ta' kummissjoni imposta fuq ir-riċevituri.

#### 4.10.2. *Sejbiet*

(238) Matul l-RIP, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw kellhom krediti għall-esportazzjoni b'imgħax baxx pendenti pprovduti jew direttament minn Eximbank jew permezz ta' banek pubbliċi jew privati oħrajn li jaġixxu bħala aġenti ta' Eximbank. Il-kumpaniji bbenefikaw ukoll minn krediti għar-riskontar ipprovduti minn Eximbank jew banek pubbliċi jew privati oħrajn.

### 4.11. **Skemi oħrajn ta' self**

#### 4.11.1. *Deskrizzjoni u bażi ġuridika*

(239) Xi produtturi esportaturi fil-kampjun irrappurtaw self ieħor meħud fl-2020. Il-Kummissjoni identifikat tliet skemi użati mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, u talbet informazzjoni mill-Gvern tat-Turkija dwar is-segwenti:

— Can Suyu - Life Water

---

([34]) Il-Premessa 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1195/2014.
([35]) Il-Premessa 79 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.
([36]) Ippubblikat fil-31 ta' Marzu 1987 fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 19417 (a).
([37]) Ippubblikat fit-23 ta' Frar 2013 fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 28568.
([38]) https://www.eximbank.gov.tr/en/product-and-services/credits/short-term-export-credits/rediscount-credit-program (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2022)
([39]) Maħruġa fl-4 ta' Ottubru 2016 mid-Direttorat Ġenerali tal-Istituzzjonijiet Bankarji u Finanzjarji, u d-Direttorat tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Munita Barranija tas-CBRT
([40]) https://www3.tcmb.gov.tr/yillikrapor/2020/en/m-2-2.html section 2.2.4 (aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022)

— Ise Devam - Continue to Business

— IVME Credit - Movement Credit

(240) L-iskema Can Suyu – Life Water hija programm ta' self ġenerali li huwa miftuħ għall-intrapriżi kollha bl-impenn li jkomplu bl-operat tagħhom u jżommu (u ma jnaqqsux) in-numru ta' impjegati rreġistrati mal-Istituzzjoni tas-Sigurtà Soċjali sa mill-aħħar ta' Frar 2020. Il-programm huwa self għall-kontinwità tal-operat mill-Gvern tat-Turkija lil Kredi Garanti Fonu u lill-ħames banek pubbliċi li għandhom ishma fih.

(241) L-iskema Ise Devam - Continue to Business hija programm ta' self ġenerali ieħor marbut mal-operat kontinwu bl-istess mod bħall-iskema Can Suyu – Life Water. Il-programm huwa self għall-kontinwità tal-operat mill-Gvern tat-Turkija lil Kredi Garanti Fonu u lill-ħames banek pubbliċi li għandhom ishma fih.

(242) L-iskema IVME Credit - Movement Credit hija skema aktar speċifika għal ċerti setturi tal-ekonomija. L-iskema tħabbret bħala parti mill-Pakkett ta' Finanzjament (ta' Aċċellerazzjoni) tal-IVME fit-23 ta' Mejju 2019 mill-Ministeru tat-Teżor u l-Finanzi, flimkien ma' tliet banek pubbliċi, Ziraat Bankasi, Halkbank u Vakifbank ([41]). Il-Pakkett ta' Finanzjament ta' Aċċellerazzjoni min-naħa tiegħu huwa parti mill-politika ekonomika fit-tul tal-GTT għall-pajjiż, stabbilita fil-Programm tal-Ekonomija l-Ġdida ("Yeni Ekonomi Programi").

(243) It-tħabbira uffiċjali tiddikjara li l-programm huwa għal "setturi ta' appoġġ li għandhom dipendenza għolja mill-importazzjoni; defiċit tal-kummerċ barrani; rata għolja ta' kontribuzzjoni għall-impjiegi u esportazzjonijiet għoljin jew qligħ mill-muniti". Skont id-diskors inawgurali tal-Ministru tat-Teżor u l-Finanzi, il-"*pakkett ta' finanzjament" jadotta approċċ ta' finanzjament orjentat lejn il-prodott. Mhux biss billi jevalwa fuq bażi ta' settur b'settur, iżda wkoll billi jiffinanzja prodotti bil-potenzjal li jagħtu kontribut pożittiv għad-defiċit tal-kummerċ barrani. B'dan il-mod, se jkun immirat biex iżid il-kompetittività tal-prodotti rilevanti fis-swieq internazzjonali u b'hekk jiġi żvelat il-potenzjal tal-esportazzjoni ta' prodotti strateġiċi* ([42])."

(244) L-attivitajiet ewlenin li għandhom jiġu appoġġati huma "il-manifattura ta' materja prima u ta' prodotti intermedji; il-produzzjoni tal-makkinarju u l-agrikoltura". Fil-qasam tal-materja prima u tal-merkanzija importata, ġew identifikati erba' setturi ewlenin: il-prodotti kimiċi/mediċi (farmaċewtiċi), il-prodotti tal-plastik u tal-gomma; il-ħjut artifiċjali u sintetiċi; u s-setturi tal-karti u tal-kartun ([43]).

(245) Fil-qasam tal-produzzjoni tal-makkinarju, ġiet stabbilita lista ta' manifatturi tal-magni f'ċerti kodiċijiet tal-NACE. Il-pakkett ta' finanzjament jinkludi s-self mogħti lill-manifatturi tal-magni domestiċi fil-lista tal-kodiċijiet tal-NACE li jinvestu f'żidiet ġodda fil-produzzjoni jew fil-kapaċità, kif ukoll self lil xerrejja domestiċi li jinvestu f'magni ġodda prodotti mill-istess manifatturi. Il-pakkett huwa mmirat lejn is-setturi li ġejjin:

— il-Makkinarju u l-Komponenti Elettriċi, il-Kompjuters, l-Elettronika, il-Prodotti Ottiċi

— il-Parts tal-Vetturi bil-Mutur u l-Parts

— il-Magna u l-Komponenti

— il-Makkinarju u Komponenti Industrijali Ġenerali

— it-Tagħmir Elettriku ([44])

(246) L-agrikoltura tinkludi l-"produzzjoni tal-bhejjem u tal-għelejjel tal-għalf" u dan is-self ingħata lil produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun matul l-RIP għall-akkwakultura. Il-kundizzjonijiet tas-self huma b'mod ċar preferenzjali f'termini tar-rata tal-imgħax offruta.

4.11.2. *Sejbiet*

(247) Għaż-żewġ skemi ġenerali ta' self Can Suyu – Life Water u Ise Devam - Continue to Business abbażi tal-livell ta' impjieg fil-kumpaniji fi Frar 2020, il-Kummissjoni ma ssib l-ebda evidenza li dawn l-iskemi ta' self huma speċifiċi, jew kumpensabbli.

([41]) https://ms.hmb.gov.tr/uploads/2019/05/ivme-sunum.pdf (aċċessat fil-11 ta' Lulju 2022)
([42]) https://www.sondakika.com/ekonomi/haber-ivme-finansman-paketi-12078612/
([43]) https://www.sondakika.com/ekonomi/haber-ivme-finansman-paketi-12078612/
([44]) http://www.satso.org.tr/duyuru/5605/ivme-finansman-paketi.aspx

(248) Madankollu, għall-iskema ta' kreditu tal-IVME, il-Kummissjoni sabet evidenza li hija limitata għal setturi speċifiċi u għal attivitajiet speċifiċi (kif stabbilit hawn fuq), u li l-pakkett ta' self huwa konness mal-banek pubbliċi Ziraat Bank, Halkbank u Vakifbank.

(249) Il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji inklużi fil-kampjun kienu qegħdin jużaw biss self ta' kreditu tal-IVME pprovdut minn Ziraat Bank u Halkbank. Għalhekk, il-Kummissjoni ma investigatx l-istatus ta' Vakifbank f'din l-investigazzjoni.

(250) Fit-Taqsima 4.5.1 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li Ziraat Bank huwa korp pubbliku u ngħata awtorità governattiva.

(251) Il-Kummissjoni qieset lil Türkiye Halk Bankası A.Ş ("Halkbank") bħala korp pubbliku b'awtorità governattiva abbażi ta' informazzjoni pubblika u anke fuq l-informazzjoni li l-bank innifsu pprovda bħala parti mit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-gvern li kien jinkludi kopji tar-Rapporti Annwali tal-2019 u l-2020.

(252) Halkbank ġie stabbilit mill-GTT fl-1933. Mustafa Kemal Atatürk, li ddikjara, "*Huwa essenzjali ħafna li tinħoloq organizzazzjoni li tipprovdi lis-sidien tan-negozji ż-żgħar u lill-intrapriżi industrijali l-kbar is-self li tant għandhom bżonn, li jkun faċilment disponibbli u bi prezz irħis u li tnaqqas il-kost tal-kreditu f'ċirkostanzi normali*" witta t-triq għall-bidu ta' Halkbank.

(253) Halkbank huwa 77,9 % proprjetà tal-Gvern permezz tal-Fond Tork għall-Ġid ([45]). Il-Kummissjoni nnotat li l-Membri kollha tal-korp governattiv tal-Bank huma jew kienu uffiċjali tal-Gvern jew servew f'korpi pubbliċi oħrajn ([46]).

(254) Pereżempju, il-Kummissjoni nnotat il-preżenza fil-Bord ta' Maksut Serim, li fl-2020 kien Konsulent Għoli għall-President tar-Repubblika tat-Turkija, wara li kien Kap Konsulent għall-Prim Ministru tar-Repubblika tat-Turkija mill-2003 sal-2016.

(255) Il-Kummissjoni nnotat ukoll il-preżenza fil-Bord ta' Sezai Uçarmak, li fl-2020 kien Viċi Ministru fil-Ministeru tal-Kummerċ.

(256) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' Halkbank jiddikjaraw b'mod ċar l-objettiv speċifiku tal-Bank fornitur ta' aċċess irħas għall-finanzjament lill-SMEs, lin-negozjanti u lill-artiġjani (l-Artikolu 4(4)) bl-involviment tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tat-Turkija.

(257) L-Artikolu 4(5) jittratta l-possibbiltà li anqas minn 50 % tal-ishma tal-Bank jinżammu pubblikament: "F'każ li l-perċentwal ta' ishma miżmuma pubblikament tal-Bank jinżel taħt il-50 %, l-attivitajiet tal-Bank rigward l-offerta ta' faċilitajiet ta' kreditu lill-kummerċjanti u lin-negozjanti kif ukoll lill-intrapriżi industrijali żgħar u ta' daqs medju għandhom jissoktaw f'konformità mal-metodi u mal-prinċipji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill tal-Ministri" ([47]).

(258) Il-bank ġie stabbilit mill-Gvern tat-Turkija u għandu bħala prijorità l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), tan-negozjanti u tal-artiġjani.

(259) Kif jgħid Halkbank innifsu, "*Peress li l-prijorità ta' Halkbank dejjem kienet li jipprovdi lil din l-udjenza fil-mira b'self offrut bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli, il-bank jixraqlu l-post prominenti li kiseb fil-qlub tan-negozjanti, l-artiġjani, u l-SMEs.*" ([48]) Fir-Rapporti Annwali tiegħu tal-2020 u l-2021, Halkbank jirreferi wkoll f'diversi okkażjonijiet għar-rwol tiegħu bħala bank ta' politika pubblika li jwettaq il-prijoritajiet tal-gvern.

(260) Skont id-dikjarazzjoni uffiċjali tal-Missjoni ta' Halkbank fir-Rapporti Annwali tiegħu, ir-rwol tal-bank huwa li" *jappoġġa l-iżvilupp u t-tkabbir tat-Turkija b'sensibilizzazzjoni għar-responsabbiltà soċjali; u li jkun bank tan-nies li joħloq valur miżjud kbir għall-partijiet ikkonċernati kollha"*.

---

([45]) https://www.halkbank.com.tr/en/investor-relations/corporate-information/ownership-structure.html (aċċessat fit-8 ta' Awwissu 2022)
([46]) https://www.halkbank.com.tr/en/investor-relations/financial-information/annual-reports.html (aċċessat fit-8 ta' Awwissu 2022)
([47]) https://www.halkbank.com.tr/en/investor-relations/corporate-governance/articles-of-association.html (aċċessat fis-17 ta' Awwissu 2022)
([48]) https://www.halkbank.com.tr/en/about-halkbank/discover/we-are-turkiyes-sme-and-tradesman-bank.html (aċċessat fis-16 ta' Awwissu 2022)

(261) Din il-missjoni titwettaq fil-prattika kif ġej: *"Hekk kif indirizzajna r-riżorsi tagħna għall-prijoritajiet tal-ekonomija tat-Turkija bħala parti mill-missjoni tagħna ta' "Aħna n-Nies l-Ewwel, u Mbagħad Bank," aħna ffukajna fuq it-tmexxija tan-negozju tagħna f'approċċ li jirrispetta n-nies, is-soċjetà u l-ambjent"*.

(262) Pereżempju fil-paġna 52 tar-Rapport tal-2021 *"il-Bank … alloka TRY 12,1-il biljun f'self sussidjat b'imgħax tal-Ministeru tat-Teżor u l-Finanzi għal 500 elf negozjant u artiġjan. Barra minn hekk, Halkbank kompla jipposponi l-pagamenti ta' self tan-negozjanti u tal-artiġjani li n-negozji tagħhom ġarrbu telf xprunat mill-pandemija skont Digriet Presidenzjali."* ([49])

(263) Fir-rigward tas-self tal-IVME b'mod aktar speċifiku, il-Maniġer Ġenerali Osman Arslan faħħar "l-armonija u l-koordinazzjoni b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet relatati mal-ġestjoni ekonomika biex jinkisbu riżultati ta' suċċess", filwaqt li żied jgħid li "Bid-determinazzjoni tagħna li jintlaħqu l-miri fil-Programm tal-Ekonomija l-Ġdid, se nqattgħu din is-sena b'mod intensiv fil-qasam u se nagħmlu sforzi kbar biex noffru l-aktar soluzzjonijiet xierqa għad-domandi tal-klijenti tagħna. L-iżborżi tas-self tagħna fil-prodotti innovattivi tagħna bħall-Pakkett ta' Finanzjament ta' Aċċellerazzjoni, is-Self għan-Negozju Orjentat Lejn l-Impjieg, is-Self għall-Valur tal-Ekonomija, is-Self għall-Kampanja għall-Akkomodazzjoni, is-Self għas-Self Indiċizzat tat-TLREF u s-Self għall-Vetturi ta' Produzzjoni Domestika laħqu t-TL 30 biljun fl-2019 ([50])".

(264) Il-kundizzjonijiet tal-kreditu tal-IVME jinvolvu perjodu ta' konċessjoni, kif ukoll rata preferenzjali li hija stabbilita bħala ħlas addizzjonali perċentwali (1-3 %, abbażi tad-durata tas-self) għat-titoli ta' dejn domestiku tal-Istat b'riskju baxx (DIBS).

(265) Ir-rata tal-imgħax għas-self tal-IVME hija stabbilita fl-istruzzjonijiet tal-gvern lill-banek, u hija stabbilita irrispettivament mill-istruttura tal-kost kapitali tal-bank, miċ-ċirkostanzi tal-mutwatarju, jew mill-affidabbiltà kreditizja tagħhom. Il-banek huma għalhekk ikkunsidrati li qed jaġixxu f'isem il-gvern u li qed iwettqu l-istruzzjonijiet tal-gvern.

(266) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-iskema ta' kreditu tal-IVME hija kumpensabbli.

### 4.12. **Self - Konklużjoni**

(267) Kif ikkonfermat fl-investigazzjoni oriġinali ([51]) u fir-rieżami ta' skadenza, ([52]) il-finanzjament preferenzjali jitqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(268) Abbażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskemi ta' finanzjament preferenzjali jagħtu benefiċċji lir-riċevituri, peress li tali finanzjament jingħata taħt ir-rati tas-suq, jiġifieri taħt kundizzjonijiet li ma jirriflettux il-kundizzjonijiet tas-suq għall-finanzjament b'maturità komparabbli.

(269) Dawn l-iskemi ta' finanzjament preferenzjali huma speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku f'dak li għandu x'jaqsam mas-self agrikolu, peress li l-awtoritajiet awtorizzanti jew il-leġiżlazzjoni li skontha joperaw l-awtoritajiet awtorizzanti tillimita b'mod espliċitu l-aċċess għal ċerti intrapriżi.

(270) Il-krediti relatati mal-esportazzjonijiet huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku peress li huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni.

(271) Wara d-divulgazzjoni, il-GTT u Gumusdoga kkontestaw il-kumpens tal-benefiċċju kkalkulat għall-krediti relatati mal-esportazzjoni, kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, fejn is-self ġie pprovdut minn bank privat.

(272) Dan l-argument sar ukoll fil-kuntest tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, fil-premessa 87 u l-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni fil-premessi 88 u 89 ([53]).

([49]) https://www.halkbank.com.tr/en/investor-relations/financial-information/annual-reports.html (aċċessat fit-8 ta' Awwissu 2022)
([50]) https://www.hurriyet.com.tr/ekonomi/halkbanktan-1-7-milyar-lira-kar-41447902
([51]) Il-Premessi 75 sa 78 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1195/2014.
([52]) Il-Premessa 83 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.
([53]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

(273) Il-Kummissjoni analizzat id-dokumentazzjoni pprovduta mill-kumpanija bir-reqqa għal kwalunkwe evidenza li dan is-self kien ġie pprovdut minn bank privat mingħajr ebda interferenza minn Eximbank jew minn korpi pubbliċi oħra, peress li l-kumpanija kienet issellfet dawn il-fondi għall-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami b'rati ferm aktar baxxi minn dawk ippubblikati għal self f'euro mit-TCMB.

(274) Id-dokumentazzjoni li l-kumpanija pprovdiet ma kinitx tinkludi ftehim ta' self mill-bank ikkonċernat jew kwalunkwe evidenza li turi li l-bank ikkonċernat kien offra lill-kumpanija rata tal-imgħax partikolari għal raġuni partikolari.

(275) Għalhekk ma nstabet l-ebda evidenza li turi li dan is-self ġie pprovdut fuq bażi tas-suq u l-argument ġie miċħud.

(276) Barra minn hekk, il-kumpanija Gumusdoga argumentat li l-Kummissjoni kienet inkonsistenti fil-metodoloġija użata biex tikkalkula l-benefiċċju fuq self relatat mal-esportazzjoni peress li xi wħud ma kinux inklużi fil-kalkolu tal-benefiċċju totali.

(277) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni. L-unika raġuni li għaliha ċertu self kontinġenti fuq l-esportazzjoni maħruġ minn banek privati ma kienx inkluż fil-kalkolu tal-benefiċċju totali hija minħabba li dak is-self inħareġ fil-Lira Torka.

(278) Gumusdoga sostniet li, minħabba l-affidabbiltà kreditizja għolja tagħha, hija tista' tirċievi rati tal-imgħax baxxi b'mod favorevoli għas-self kontinġenti fuq l-esportazzjoni tagħha maħruġ minn banek privati u għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tinkludix il-benefiċċju derivat minn tali self għall-kalkoli tagħha.

(279) Il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument, peress li r-rati tal-imgħax normattivi użati għall-kalkolu tal-benefiċċju jikkorrispondu għar-rata medja tal-imgħax tas-self Tork kollu pprovdut f'ċertu perjodu ta' żmien u f'ċerta munita. Din il-medja kienet tinkludi t-tipi kollha ta' affidabbiltà kreditizja.

(280) Din il-pretensjoni minn Gumusdoga, li xi self kontinġenti fuq l-esportazzjoni ġie stabbilit b'rati tal-imgħax baxxi minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom stess, saret ukoll fir-rieżami ta' skadenza u ġiet miċħuda għall-istess raġunijiet bħal hawn fuq. Gumusdoga ma setgħetx turi li rċeviet xi self kontinġenti fuq l-esportazzjoni b'rata tal-imgħax baxxa bbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom, jew abbażi ta' negozjati ma' bank.

(281) Il-Kummissjoni qieset li ma hemm l-ebda rabta bejn il-kumpens ta' self u l-livell ta' affidabbiltà kreditizja ta' kumpanija. Ir-rati tal-imgħax normattivi ntużaw biss biex jiġi ddeterminat l-ammont tal-benefiċċju li jirriżulta mis-self u mhux biex jiġi ddeterminat jekk self jistax jitqies bħala kumpensabbli jew le.

(282) Għalhekk, l-iskemi ta' finanzjament preferenzjali kollha jitqiesu bħala sussidji kumpensabbli.

4.12.1. *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(283) F'konformità mal-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju fuq il-finanzjament preferenzjali ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn l-ammont tal-imgħax imħallas u l-ammont li jkollu jitħallas għal self kummerċjali komparabbli. Bħala punt ta' riferiment, il-Kummissjoni għal darb'oħra applikat ir-rata medja ponderata tal-imgħax tas-self kummerċjali fis-suq domestiku Tork, abbażi ta' *data* miksuba mit-TCMB ([54]). Dan huwa l-istess parametru referenzjarju użat fl-investigazzjoni oriġinali, u r-rieżamijiet preċedenti kollha. Il-Kummissjoni allokat il-benefiċċju relatat mal-krediti għall-esportazzjoni fuq il-bejgħ tal-esportazzjoni filwaqt li s-self agrikolu ġie allokat fuq il-bejgħ totali.

(284) Wara d-divulgazzjoni, Gumusdoga staqsiet dwar il-metodoloġija użata għall-attribuzzjoni tal-benefiċċju għal self kontinġenti fuq l-esportazzjoni. Fid-divulgazzjoni, il-Kummissjoni allokat il-benefiċċju kif ġej:

(a) Is-self kontinġenti fuq l-esportazzjoni rrapportat bħala "mhux relatat mal-prodott taħt rieżami" ma kellu l-ebda benefiċċju allokat għall-prodott taħt rieżami.

([54]) https://evds2.tcmb.gov.tr/index.php?/evds/portlet/K24NEG9DQ1s%3D/en (aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022) Ir-rata tal-imgħax għal self kummerċjali fit-TL (Minbarra l-Kont ta' Overdraft Korporattiv u l-Karti ta' Kreditu Korporattivi) għas-self riċevut fit-TL u r-rata tal-imgħax għal self kummerċjali f'EUR għas-self riċevut f'EUR.

(b) Is-self kontinġenti fuq l-esportazzjoni fejn ma kien hemm l-ebda rapport bħal dan kellu l-benefiċċju kollu tiegħu allokat għall-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(285) Wara d-divulgazzjoni, Gumusdoga ddikjarat li s-self kollu li jaqa' taħt l-intestatura (b) għandu fil-fatt jiġi allokat għall-fatturat totali tal-esportazzjoni, peress li dan is-self kollu kien ukoll kontinġenti fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra. Din l-affermazzjoni hija relatata mal-istess talba li saret mill-istess produttur esportatur fir-Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza ([55]), il-premessa 92.

(286) Fir-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni setgħet talloka l-benefiċċju minn xi self kontinġenti fuq l-esportazzjoni għall-fatturat totali tal-esportazzjoni, fejn kien hemm evidenza li tappoġġa dan ([56]). Minħabba li xi wħud minn dawn is-selfiet baqgħu kurrenti f'din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni setgħet tasal għall-istess konklużjoni.

(287) Għal dak is-self li ma ġiex eżaminat fir-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni analizzat id-dokumentazzjoni li Gumusdoga pprovdiet mat-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju u s-sottomissjonijiet sussegwenti.

(288) Fejn dik id-dokumentazzjoni wriet li s-self kien kontinġenti fuq l-esportazzjoni tal-prodotti kollha, il-benefiċċju ġie allokat fuq il-fatturat totali tal-esportazzjoni tal-grupp. Inkella l-benefiċċju baqa' allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami. Id-dokumentazzjoni pprovduta minn Gumusdoga wara d-divulgazzjoni li ma setgħetx tiġi vverifikata ma ġietx ikkunsidrata.

(289) Wara d-divulgazzjoni, żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun innotaw żbalji klerikali fil-kalkolu tal-benefiċċju, u dawn ġew ikkoreġuti. Il-Kummissjoni żgurat ukoll li minħabba li r-rata normattiva ġiet ippubblikata kull nhar ta' Ġimgħa, ir-rata normattiva tapplika għal self li jibda fil-ġimgħa sussegwenti, kif kien applikat ukoll fir-Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza, il-premessa 93.

(290) L-ammonti ta' sussidju kkalkolati għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fir-rigward tas-self preferenzjali huma kif ġej:

*Tabella 7*

**Kumpanija**

| ta' Finanzjament | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Fishark | 0,00 % |
| Gumusdoga | 0,49 % |
| Ozpekler | 0,36 % |
| Selina Balik | 0,19 % |

### 4.13. **Ammont finali ta' sussidji kumpensabbli**

(291) Il-Kummissjoni sabet li l-ammont aggregat ta' sussidji kumpensabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku kien kif ġej:

*Tabella 8*

**Sussidju totali misjub**

| Kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Fishark | 3,47 % |
| Gumusdoga | 4,46 % |
| Ozpekler | 3,19 % |
| Selina Balik | 2,81 % |

([55]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.
([56]) Il-Premessi 91 u 92 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823.

## 5. IN-NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULA

(292) L-investigazzjoni kkonfermat il-bidliet sinifikanti fl-istruttura u fit-termini tal-implimentazzjoni tas-sussidji diretti mogħtija mill-GTT lill-produtturi tat-trota meta mqabbla mal-investigazzjoni oriġinali. B'mod partikolari, kif diġà ġie stabbilit fir-rieżamijiet preċedenti msemmija fil-premessi 2 u 3, il-GTT introduċa bidla leġiżlattiva bid-Digriet Nru 2016/8791 ([57]) dwar l-appoġġ agrikolu li għandu jiġi pprovdut fl-2016. Il-Komunikat Nru 2016/33 ([58]) dwar l-appoġġ għall-akkwakultura pprovda dettalji tal-kundizzjonijiet tas-sussidji li għandhom jingħataw.

(293) Essenzjalment u f'kuntrast mal-investigazzjoni oriġinali, fil-każ li produttur tat-trota jkollu aktar minn liċenzja ta' produzzjoni waħda (jew "unità ta' trobbija tal-ħut") fl-istess żona potenzjali fil-baħar, kif iddefinit mill-Ministeru, fl-istess riżerva (diga), jew fl-istess riżervi li jinsabu fl-istess reġjuni, li jappartjenu għall-istess persuna jew għall-istess intrapriża/kumpanija, dawk il-liċenzji jew l-unitajiet ta' trobbija tal-ħut jitqiesu bħala liċenzja jew unità waħda li tappartjeni għal dik il-kumpanija, u s-sussidju dirett jkollu jitħallas skont dik l-interpretazzjoni.

(294) Din il-bidla leġiżlattiva nżammet fid-digrieti tas-snin ta' wara kif ukoll fid-Digriet 3190 għall-RIP imsemmi fil-premessa 57. Dan jissuġġerixxi li l-bidla fl-istruttura u fl-implimentazzjoni tas-sussidji diretti mogħtija mill-GTT baqgħet stabbilita għal diversi snin u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-GTT beħsiebu jagħmel aktar bidliet.

(295) Barra minn hekk, emenda fl-2019 ([59]) fl-iskema ta' sussidju dirett, illimitat il-kwantità eliġibbli għal sussidji diretti għal 350 miljun tunnellata, jiġifieri naqqset il-limitu massimu meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. L-istess limitu massimu nżamm fl-2020 bid-Digriet 3190. kif imsemmi hawn fuq, l-investigazzjoni ma wriet l-ebda indikazzjoni li din il-prattika ma kinitx se tkompli.

(296) L-investigazzjoni żvelat ukoll kif stabbilit fil-Premessi 57 sa 72, li l-GTT kien qed jissussidja dejjem aktar lill-bdiewa tat-troti billi jaqsam ir-rati ta' appoġġ. Il-kumpaniji li jrabbu t-troti ta' kull daqs taħt l-istess liċenzja tal-biedja rċevew benefiċċji kemm taħt ir-rati ta' sussidju tat-"troti" kif ukoll dawk ta' "trota ta' aktar minn kilogramma".

(297) Il-mossa tal-GTT mis-sussidjar tat-troti kollha b'rata waħda ta' sussidju għas-sussidjar kemm tat-trota kollha kif ukoll tat-"trota ta' aktar minn kilogramma" titqies li hija ta' natura dejjiema. Ix-xejra kienet qiegħda tiżdied b'mod rapidu matul l-aħħar snin, u l-GTT ma ta l-ebda indikazzjoni li dan ma kienx se jkompli. Din iż-żieda fil-benefiċċji permezz tal-iżborżi li saru skont ir-rati ta' appoġġ ta' "trota ta' aktar minn kilogramma" kkumpensat parzjalment għat-tnaqqis fil-benefiċċji riċevuti għal "troti". B'mod ġenerali, il-bdiewa tat-troti għadhom jirċievu appoġġ dirett mill-GTT.

(298) Il-Kummissjoni nnotat li l-livell ġenerali ta' sussidju tal-prodott taħt rieżami fil-Lira Torka għal kull kilogramma ta' esportazzjonijiet lejn l-UE ma kienx naqas bl-istess mod bħad-dazji kompensatorji kkalkolati matul l-RIP. Dan huwa dovut għat-tnaqqis fil-valur tal-Lira Torka meta mqabbla mal-Euro mill-investigazzjoni oriġinali, u li d-dazju huwa kkalkolat abbażi tas-sussidju fil-Lira Torka għal kull kilo diviż bil-valur CIF fil-Lira Torka.

(299) Madankollu, il-Kummissjoni nnotat ukoll li b'mod parallel mat-tnaqqis fil-valur tal-Lira Torka kontra l-Euro, it-Turkija kellha wkoll perjodi ta' inflazzjoni għolja. Għalhekk, il-valur tal-Lira Torka fil-pajjiż naqas ukoll, u l-ammonti ta' sussidju mħallsa, li baqgħu kostanti fil-Lira Torka, naqsu f'termini reali. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset it-tnaqqis tad-dazju kompensatorju mill-investigazzjoni oriġinali bħala bidla dejjiema fiċ-ċirkostanzi.

([57]) Id-Digriet Tork Nru 2016/8791 dwar is-sussidji agrikoli fl-2016, datat il-25 ta' April 2016 (implimentat b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2016)

([58]) Il-Komunikat bl-isem "Komunikat dwar l-Appoġġ għall-Akkwakultura" innumerat 2016/33 dwar l-implimentazzjoni tad-Digriet Nru 2016/8791 ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-3 ta' Awwissu 2016.

([59]) Id-Digriet Presidenzjali 2019/1691 dwar is-sussidji agrikoli fl-2019, datat it-23 ta' Ottubru 2019 (implimentat b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2019), ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 30928/24.10.2019

(300) Fis-sottomissjoni tagħha tal-11 ta' Novembru 2021, id-DAO kkummentat li hemm bidliet kostanti u regolari fl-iskemi ta' sussidju fit-Turkija u għalhekk kwalunkwe bidla fl-ammonti tas-sussidju ma tistax titqies bħala dejjiema. L-esportazzjonijiet tat-trota mit-Turkija xorta waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u għadhom jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, ir-rieżami attwali jenħtieġ li jintemm u jenħtieġ li jinżamm il-livell tal-miżuri fis-seħħ.

(301) L-argumenti tad-DAO ma kkunsidrawx il-bidliet sinifikanti fl-istruttura u fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' sussidju dirett kif stabbilit matul din l-investigazzjoni. Il-varjazzjonijiet annwali possibbli fir-rati tas-sussidju ma kellhomx impatt fuq il-konklużjonijiet li ċ-ċirkostanzi fl-investigazzjoni oriġinali kienu sostanzjalment differenti u li l-bidliet li saru kienu ta' natura dejjiema. Għalhekk, l-argumenti tal-DAO f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(302) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi u li dawn il-bidliet huma dejjiema. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar dan wara d-divulgazzjoni.

## 6. **MIŻURI KOMPENSATORJI**

(303) Abbażi tal-konklużjonijiet li laħqet il-Kummissjoni, il-miżuri kompensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija jenħtieġ li jiġu emendati biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi mibdula.

(304) Il-miżuri kompensatorji ġew ikkalkolati bħala perċentwal tal-valur CIF tal-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(305) Wara divulgazzjoni addizzjonali, Gumusdoga talbet lill-Kummissjoni tirrevedi l-kalkolu tal-fatturat totali tal-grupp ta' kumpaniji investigati biex jinkludi l-fatturat lil kumpaniji relatati — barra minn dan il-grupp ta' ħames kumpaniji li għandhom rabta diretta mal-attivitajiet tagħhom fir-rigward tal-prodott taħt rieżami — iżda li kienu parti mill-grupp Gumusdoga.

(306) Din it-talba ġiet aċċettata u l-fatturat lill-kumpaniji kkonċernati ġie miżjud mal-fatturat totali tal-grupp.

(307) Wara d-divulgazzjoni, it-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun iddikjaraw li l-Kummissjoni kienet ikkalkulat b'mod skorrett il-valur CIF tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni. Huma sostnew li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-valuri tal-fattura DAP bħala l-valur CIF ta' dak il-bejgħ, u sostnew li l-Kummissjoni kienet għamlet dan f'investigazzjonijiet preċedenti.

(308) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn it-talbiet. Il-valur CIF tal-bejgħ li sar lill-Unjoni ntuża (kif stabbilit fil-premessa 297 hawn fuq) biex jiġi ddeterminat il-perċentwal li bih il-prezz tal-importazzjoni għandu jiżdied biex jiġi eliminat l-effett tas-sussidjar. Dan jeħtieġ il-valur CIF peress li dan huwa l-valur iddikjarat lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni fl-UE.

(309) Kif inhi l-prattika standard tal-Kummissjoni, fejn dan il-valur CIF ma jkunx ġie rrappurtat, jew meta l-konsenja tkun fil-fruntiera CIF tal-Unjoni, il-valur tal-fattura huwa l-bażi għad-determinazzjoni tal-valur CIF. Meta l-valur tal-fattura jinkludi l-kostijiet wara l-importazzjoni (pereżempju għall-bejgħ fuq il-bażi tad-DAP u tad-DDP), il-Kummissjoni stmat il-valur CIF ta' dawk it-tranżazzjonijiet billi użat l-evidenza disponibbli. Għall-bejgħ tad-DDP u xi bejgħ tad-DAP il-valur CIF kien magħruf, u ġie rrappurtat separatament fit-tweġibiet għall-kwestjonarju, u għalhekk intuża. Il-valuri CIF kollha użati ġew inklużi fl-informazzjoni sottomessa mill-partijiet u ġew ivverifikati matul l-RCC.

(310) Minħabba l-livell għoli ta' kooperazzjoni f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li jkun xieraq li jiġi stabbilit dazju għall-pajjiż kollu fil-livell tal-ogħla dazju individwali tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(311) Ir-rati tad-dazju kompensatorju tal-kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mit-Turkija u li jiġi manifatturat mill-entitajiet legali msemmija.

(312) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi rati individwali ta' dazju kompensatorju.

(313) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati tad-dazju kompensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla tal-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, il-bidla tal-isem se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(314) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([60]), meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(315) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823 it-test wara l-kliem "li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet" huwa sostitwit b'dan li ġej:

ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90, ex 0305 43 00 u ex 1604 19 10 (kodiċijiet TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10, 0305 43 00 11 u 1604 19 10 11) u li joriġinaw fit-Turkija.

2. It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823 hija sostitwita bit-tabella ta' hawn taħt:

| Kumpanija | Dazju kompensatorju (%) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Fishark Su Ürünleri Üretim ve Sanayi Ticaret A.Ş. | 3,4 | B985 |
| Gümüşdoga Su Ürünleri Üretim Ihracat Ithalat AŞ | 4,4 | B964 |
| Özpekler İnşaat Taahhüd Dayanıklı Tüketim Malları Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi | 3,1 | B966 |
| Kumpaniji elenkati fl-Anness | 4,0 | |
| Selina Balık İşleme Tesisi İthalat İhracat Ticaret Anonim Şirketi | 2,8 | C889 |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 4,4 | B999 |

3. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([60]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1)

4. Il-kodiċi addizzjonali TARIC B968 li preċedentement kien attribwit lil Lezita Balik A.S. għandu japplika għal Abalıoglu Balik ve Gıda Ürünleri Anonim Şirketi mis-7 ta' Lulju 2020 (id-data li fiha l-kumpanija bidlet isimha). Kwalunkwe dazju definittiv imħallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti mmanifatturati minn Abalıoglu Balik ve Gıda Ürünleri Anonim Şirketi li jaqbeż id-dazju kompensatorju stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823 fir-rigward ta' Lezita Balik A.S. għandu jiġi rrimborżat jew jinħafer f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Produtturi esportaturi Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

| Isem | Kodiċi addizzjonali tat-TARIC |
|---|---|
| Abalıoğlu Balık ve Gıda Ürünleri A.Ş. | B968 |
| Alima Su Ürünleri ve Gıda Sanayi Ticaret A.Ş. | B974 |
| Bağcı Balık Gıda ve Enerji Üretimi San ve Tic. A.Ş. | B977 |
| Baypa Bayhan Su Urunleri San. Ve Tic. A.S. | C890 |
| Ertug Balik Uretim Tesisi A.S. u More Su Urunleri A.S. | C891 |
| Kemal Balıkçılık Ihracat Ltd Şti. | B981 |
| Kılıç Deniz Ürünleri Üretimi İhracat İthalat ve Ticaret A.Ş. | B965 |
| Lazsom Su Urunleri Gida Uretim Pazarlama Sanayi Ve Ticaret Limited Sirketi | C892 |
| Liman Entegre Balıkçılık San ve Tic. Ltd Şti. | B982 |
| Ömer Yavuz Balikcilik Su Ürünleri San. Tic. Ltd Sti. | B984 |
| Premier Kultur Balikciligi Yatirim Ve Pazarlama A.S | C893 |
| Uluturhan Balikçilik Turizm Ticaret Limited Şirketi | C894 |
| Yavuzlar Otomotiv Balikcilik San.Tic.Ltd Sti. | C895 |